Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0457

Is-saħħa mentali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar is-saħħa mentali (2023/2074(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa ("il-Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 [1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013[2],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2023 li tirrevedi u tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni farmaċewtika ġenerali eżistenti.

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019

1 ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1.
2 ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.
3 ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) [2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar is-saħħa mentali fl-UE fl-era diġitali[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi)[5],

– wara li kkunsidra l-informazzjoni intitolata "Is-saħħa mentali u l-pandemija", ippubblikata mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari f'Lulju 2021,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-pandemija tal-COVID-19: it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet għall-futur[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19 [7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2016[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2019 dwar id-drittijiet tal-persuni intersesswali[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni

---

1 ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
2 ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.
3 ĠU C 47, 7.2.2023, p. 63.
4 ĠU C 456, 10.11.2021, p. 161.
5 ĠU C 347, 9.9.2022, p. 122.
6 Testi adottati, P9_TA(2023)0282.
7 ĠU C 371, 15.9.2021, p. 102.
8 ĠU C 129, 5.4.2019, p. 14.
9 ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.
10 ĠU C 449, 23.12.2020, p. 142.

ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta’ kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[1] ,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ April 2023 dwar id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-Uganda[2] ,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-kanċer – lejn strateġija komprensiva u koordinata[3] ,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Frar 2021 bit-titolu “Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer” (COM(2021)0044),

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Kummissjoni bit-titolu “Healthier Together – Inizjattiva tal-UE dwar il-Mard Mhux Komunikabbli” imnedija f’Diċembru 2021,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022)0440),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 2019 dwar l-Ekonomija tal-Benessri, li jitolbu strateġija komprensiva tal-UE dwar is-saħħa mentali,

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew tal-2008 għas-Saħħa u l-Benessri Mentali, adottat fil-konferenza ta’ livell għoli tal-UE bit-titolu “Flimkien għas-Saħħa Mentali u l-Benessri” fi Brussell fit-13 ta’ Ġunju 2008,

– wara li kkunsidra l-green paper tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Ottubru 2005 bit-titolu “It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni - Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali ” (COM(2005)0484),

– wara li kkunsidra r-rapport ta’ Diċembru 2015 mill-Azzjoni Konġunta dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali bit-titolu “Mental health in all policies – Situation analysis and recommendations for action” (“Is-saħħa mentali fil-politiki kollha – Analiżi tas-sitwazzjoni u rakkomandazzjonijiet għal azzjoni”),

– wara li kkunsidra l-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali 2023 tal-

---

1 ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.
2 Testi adottati, P9_TA(2023)0120.
3 ĠU C 342, 6.9.2022, p. 109.
4 ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.

Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), li t-tema tiegħu kienet “Mental health is a universal human right” (“Is-saħħa mentali hija dritt universali tal-bniedem”),

– wara li kkunsidra l-qafas Ewropew tad-WHO għal azzjoni dwar is-saħħa mentali għall-2021-2025,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tas-7 ta’ Ottubru 2011 bit-titolu “Mental health promotion in the workplace – a good practice report” (“Il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol – rapport ta’ prattika tajba”),

– wara li kkunsidra l-Qafas ta’ Azzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali, ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2016,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2022 mill-OECD u l-Kummissjoni bit-titolu “Health at a Glance: Europe 2022: State of Health in the EU Cycle”, (“Is-Saħħa f’daqqa t’għajn:Ewropa 2022: L-Istat tas-Saħħa fiċ-Ċiklu tal-UE”)

– wara li kkunsidra l-lista tal-mard okkupazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), kif ġiet riveduta fl-2010,

– wara li kkunsidra l-politika tal-2022 mid-WHO u l-ILO bit-titolu “Mental health at work: policy brief” (“Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol: tagħrif dwar il-politika”),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2337 tat-28 ta’ Novembru 2022 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Novembru 2022 bit-titolu “Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali: Saħħa Aħjar għal Kulħadd f’Dinja li qed Tinbidel” (COM(2022)0675),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Marzu 2021 bit-titolu “Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal” (COM(2021)0142),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Mejju 2022 bit-titolu “Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)” (COM(2022)0212),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020)0625),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Marzu

---

[1] ĠU L 309, 30.11.2022, p. 12.

2021 bit-titolu “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità 2021-2030” (COM(2021)0101),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-2006 dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Novembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025” (COM(2020)0698),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Settembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta’ ugwaljanza: Pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025” (COM(2020)0565),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0367/2023),

A. billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala “stat ta’ benessri mentali li jippermetti lin-nies biex ilaħħqu mal-istress tal-ħajja, jirrealizzaw il-kapaċitajiet tagħhom, jitgħallmu tajjeb u jaħdmu tajjeb, u jikkontribwixxu għall-komunità tagħhom”; billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jinkludu kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u diżabilitajiet psikosoċjali, kif ukoll stati mentali oħra assoċjati ma’ tbatija sinifikanti, id-deterjorament fil-funzjonament, jew r-riskju ta’ korriment intenzjonali mill-persuna stess;

B. billi s-saħħa mentali hija dritt universali tal-bniedem u l-promozzjoni tagħha hija prerekwiżit kruċjali għall-prosperità tal-iżvilupp personali, komunitarju u soċjoekonomiku;

C. billi s-saħħa mentali hija parti integrali mis-saħħa u hija fundamentali għall-benessri tal-individwi u s-soċjetajiet u prekundizzjoni għal soċjetà inklużiva u funzjonali; billi s-saħħa mentali għalhekk għandha tkun ikkunsidrata b’mod ekwu mas-saħħa fiżika; billi minħabba l-interkonnessjoni tas-saħħa mentali u fiżika, in-nies b’kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jiltaqgħu ma’ riskju sostanzjalment ogħla ta’ mortalità prematura, inkluż minn kundizzjonijiet tas-saħħa fiżika mhux indirizzati;

D. billi d-WHO stmat li ’l fuq minn 150 miljun persuna[1] fl-Ewropa jgħixu b’kundizzjoni ta’ saħħa mentali u għandu jiġi previst ċertu livell ta’ sottodijanjożi; billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma l-kawża ewlenija ta’ snin ta’ ħajja mgħajxa b’diżabilità u l-ħames kawża ewlenija ta’ snin ta’ ħajja aġġustati minħabba d-diżabilità tal-mard mhux komunikabbli fl-UE u jinsabu fit-tieni post fost l-aktar mard mhux komunikabbli komuni; billi r-riċerka turi li b’mod ġenerali, il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma ferm aktar prevalenti fin-nisa;

---

[1] WHO, *The Pan-European Mental Health Coalition* (*Il-Koalizzjoni Pan-Ewropea dwar is-Saħħa Mentali*), 2023.

billi madwar 4 %[1] tal-imwiet kollha fl-UE huma kkawżati minn disturbi mentali u anomalija fl-imġiba;

E. billi s-saħħa mentali u l-benessri tal-popolazzjoni huma fattur kruċjali għall-individwu; billi mard mentali jista' jirriżulta f'telf ta' produttività individwali u tan-negozju u tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol u jpoġġi piżijiet finanzjarji fuq individwi, familji u komunitajiet u jista' jkollu konsegwenzi ekonomiċi enormi, ekwivalenti għal aktar minn 4 % tal-PDG tal-UE (EUR 600 biljun) kull sena[2]; billi spejjeż indiretti oħra ħafna drabi jegħlbu l-ispejjeż diretti, bħan-nefqa għall-kura tas-saħħa, u hemm evidenza dejjem akbar li l-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba u l-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jistgħu jkunu kosteffettivi u kosteffiċjenti;

F. billi skont id-WHO, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, bħall-impjieg, l-appoġġ soċjali, il-livelli tal-edukazzjoni u l-ambjent fiżiku, huma fost l-aktar fatturi sinifikanti li jinfluwenzaw l-istat tas-saħħa mentali tal-individwu;

G. billi l-inugwaljanzi strutturali ekonomiċi u soċjali għandhom impatt differenti skont il-grupp tal-popolazzjoni; billi l-politiki kollha tas-saħħa mentali pubbliċi għandhom ikunu partikolarment sensittivi għall-popolazzjonijiet ekonomikament vulnerabbli biex tiġi żgurata protezzjoni ekwa għaċ-ċittadini kollha;

H. billi l-faqar, l-inugwaljanza soċjali u d-diskriminazzjoni jpoġġu lin-nies f'pożizzjoni vulnerabbli u jistgħu jistimulaw mentalità ta' li jagħmlu x'jagħmlu qatt mhu biżżejjed, li twassal għal sentimenti b'saħħtihom ta' ansjetà, jaggravaw iċ-ċiklu tal-faqar u jżidu r-riskju ta' kundizzjonijiet mentali;

I. billi l-iffukar fuq il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' dawn id-determinanti tas-saħħa mentali jista' jikkontribwixxi biex titbiddel l-enfasi minn dewmien ta' interventi u li jqumu aktar flus u tgħin biex jittejbu s-saħħa u l-benessri mentali;

J. billi l-indirizzar tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jeħtieġ approċċ ta' "saħħa mentali fil-politiki kollha" (MHiAP) immirat biex jifhem sewwa d-determinanti differenti tas-saħħa mentali permezz ta' lenti intersettorjali, sabiex jiġu evitati u mitigati l-impatti fuq l-individwi, il-komunitajiet u s-soċjetajiet;

K. billi s-sorveljanza epidemjoloġika hija l-ġbir, l-analiżi, l-interpretazzjoni u t-tixrid sistematiku u kontinwu ta' data u informazzjoni dwar is-saħħa relatati mal-okkorrenza, id-distribuzzjoni

---

1 L-Istatistika tal-Eurostat Spjegata, *Mental health and related issues statistics*(*Statistika dwar is-saħħa mentali u kwistjonijiet relatati*), Settembru 2023.

2 L-OECD u l-Kummissjoni Ewropea, *Health at a Glance:*(Is-Saħħa f'daqqa t'għajn:) *Europe 2018:*(Ewropa 2018:) *State of Health in the EU Cycle*, (L-Istat tas-Saħħa fiċ-Ċiklu tal-UE), 2018.

u d-determinanti ta’ mard jew kundizzjonijiet tas-saħħa f’popolazzjoni; billi l-għan primarju tas-sorveljanza huwa li timmonitorja l-istat tas-saħħa ta’ popolazzjoni, tiskopri tifqigħat jew xejriet mhux tas-soltu ta’ mard, tivvaluta l-effettività tal-interventi tas-saħħa pubblika u tinforma t-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar is-saħħa pubblika;

L. billi l-ħtieġa urġenti għal għarfien u fehim aħjar u usa’ tas-saħħa mentali u għal azzjoni effettiva għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-mard mentali dejjem aktar ġiet rikonoxxuta f’dawn l-aħħar snin, iżda l-litteriżmu fis-saħħa mentali għadu baxx ħafna meta mqabbel mal-litteriżmu fis-saħħa fiżika, li jista’ iħalli impatt negattiv fuq it-tendenza li titfittex l-għajnuna;

M. billi l-mudell tal-komunità[1,2]huwa ffukat fuq il-pazjent, l-element ewlieni tiegħu huwa r-rwol tal-pazjenti u l-familji tagħhom fid-diskussjoni u l-ippjanar tan-network tal-kura tas-saħħa; billi skont il-paradigma tal-kura fil-komunità, hija prijorità li l-pazjenti jingħataw is-setgħa sabiex isiru aġenti attivi ta’ deċiżjonijiet dwar is-saħħa mentali tagħhom stess, mill-prevenzjoni sat-trattament; billi l-fatt li jittieħed vantaġġ mill-esperjenza u l-għarfien tal-utenti u l-ambjent tagħhom huwa essenzjali għall-ippjanar u l-iżvilupp tas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

N. billi l-preskrizzjoni soċjali hija approċċ olistiku għall-kura tas-saħħa, li tippromwovi aktar kura integrata bbażata fil-komunità u tiffaċilita d-demedikalizzazzjoni; billi l-preskrizzjoni soċjali tista’ tinkludi, fost servizzi oħra, appoġġ fis-saħħa mentali, l-inklużjoni soċjali u pariri finanzjarji u dwar l-akkomodazzjoni, kif ukoll attivitajiet li jippromwovu l-attività fiżika u l-espressjoni personali kreattiva;

O. billi f’ħafna Stati Membri, hemm ostakli fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali u l-appoġġ huwa inadegwat jew skars, li jwassal għal ħlasijiet addizzjonali, ħinijiet twal ta’ stennija, nuqqas ta’ professjonisti tas-saħħa mentali, stigmatizzazzjoni u l-ħolqien ta’ aktar diskriminazzjoni u disparità soċjoekonomiċi;

P. billi l-ispejjeż li jsiru minn buthom għas-servizzi tal-kura tas-saħħa joħolqu ostaklu finanzjarju għal persuni b’kundizzjonijiet tas-saħħa, u l-kopertura tas-saħħa universali ttaffi r-restrizzjonijiet ekonomiċi għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, l-appoġġ u r-riabilitazzjoni;

Q. billi r-reġjuni ultraperiferiċi huma partikolarment vulnerabbli minħabba d-diffikultà fl-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa

---

1 WHO guidance and technical packages on community mental health services(gwida u pakketti tekniċi dwar is-servizzi tas-saħħa mentali fil-komunità), 2021.

2 Kulleġġ Rjali tal-Psikjatri Ċentru tal-Kulleġġ għat-Titjib tal-Kwalità*CCQI Improvement Standards for Community Mental Health Service*, ir-raba’ edizzjoni, Marzu 2022.

differenzjati ħafna, bis-sitwazzjoni se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin minħabba l-effetti tat-tibdil fil-klima, peress li dawn ir-reġjuni se jesperjenzaw għajnuna kompromessa għal żmien qasir u tfixkil fil-provvista (b'fatturi li jinkludu bidliet fil-ġeografija kostali u ż-żieda fil-livell tal-baħar, nuqqasijiet ta' ilma ħelu, eventi estremi tat-temp, perjodi ta' temperatura ogħla, nixfiet, nirien intensi u x-xejriet mibdula ta' nżul ix-xita);

R. billi l-pandemija tal-COVID-19 qanqlet u aggravat kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, bħall-ansjetà u d-dipressjoni; billi l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 huma aggravati aktar mill-kuntest attwali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi soċjoekonomika u l-kriżi tal-klima, tan-natura u tat-tniġġis;

S. billi n-nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol, l-impjieg temporanju u l-kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati huma assoċjati ma' saħħa mentali dgħajfa u qgħad, bħalma huma l-assenteiżmu u l-preżentiżmu[1], u l-EU-OSHA tirrapporta li 45 % tal-persuni impjegati jqisu l-istress u fatturi oħra ta' riskju li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-benessri mentali li jkunu komuni fil-post tax-xogħol tagħhom;

T. billi l-EU-OSHA tenfasizza li għal saħħa mentali tajba, huwa importanti kif ix-xogħol ikun organizzat u kif jiffunzjonaw ir-relazzjonijiet interpersonali fl-ambjent tax-xogħol, billi tiċċita fatturi bħal stress relatat max-xogħol, burnout, vjolenza, bullying u fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, għeja, il-piżijiet psikoloġiċi u t-talbiet emozzjonali bħala li għandhom impatt negattiv;

U. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma marbuta ma' fatturi ta' riskju fuq il-post tax-xogħol u huma inklużi fil-lista ta' mard okkupazzjonali tal-ILO;

V. billi nies b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali ħafna drabi huma inqas probabbli li jkunu impjegati u l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fit-tfulija u fl-adolexxenza bikrija jżidu r-riskju ta' prestazzjoni akkademika dgħajfa u opportunitajiet ta' xogħol aktar tard fil-ħajja;

W. billi d-diġitalizzazzjoni għandha rwol dejjem aktar sinifikanti fis-soċjetà moderna kemm fil-ħajja personali kif ukoll fil-ħajja professjonali, u tista' tiġi ingranata biex tappoġġja t-tkabbir fl-appoġġ għas-saħħa mentali u interventi bbażati fuq l-evidenza, iżda tista' tħalli impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tal-individwu;

X. billi t-teknoloġija diġitali jista' jkollha benefiċċji sinifikanti fil-konnessjoni ta' żoni remoti u fil-forniment ta' mezzi aċċessibbli u affordabbli ta' appoġġ psikoloġiku, iżda, fl-istess ħin, l-omnipreżenza

---

[1] Randstad il-Kanada, *Getting more work done:*(Isir aktar xogħol) *How absenteeism and presenteeism affect productivity*(Kif l-assenteiżmu u l-preżentiżmu jaffettwaw il-produttività), 30 ta' Mejju 2023.

tal-ismartphones, u teknoloġiji diġitali bħall-applikazzjonijiet mobbli u n-networks tal-media soċjali, toħloq riskju għal kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u iżolament soċjali; billi l-użu ta' teknoloġija diġitali bħal din, speċjalment f'eċċess, ikollu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti; billi l-użu tal-midja soċjali u networks diġitali u l-espożizzjoni għal bullying ċibernetiku, pornografija, immaġini u logħob sesswali u vjolenti, tgħajjir anonimu, kontenut li fih restrizzjonijiet fuq id-dieta u standards ta' sbuħija li ma jistgħux jintlaħqu/ħżiena għas-saħħa jista' jkollhom konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa mentali, speċjalment fit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ[1,2]; billi l-vittmi tal-bullying ċibernetiku huma f'riskju ogħla ta' dipressjoni u l-aġir suwiċidali;

Y. billi disa' miljun adolexxent (bejn 10 sa 19-il sena) fl-Ewropa qed jgħixu b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, bl-ansjetà u d-dipressjoni jammontaw għal aktar minn nofs il-każijiet kollha; billi studji juru li 34,6 % tal-kundizzjonijiet kollha tas-saħħa mentali jibdew mill-età ta' 14-il sena u 62,5 % sal-età ta' 25 sena; billi 19 % tas-subien Ewropej ta' bejn il-15 u d-19-il sena jbatu minn disturbi mentali, bħalma jagħmlu aktar minn 16 % tal-bniet tal-istess età, iżda 70 % tat-tfal u l-adolexxenti li jesperjenzaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali ma jirċievux interventi xierqa f'età bikrija biżżejjed[3];

Z. billi l-mewt permezz ta' suwiċidju jew ta' korriment intenzjonali mill-persuna stess hija t-tieni kawża ewlenija ta' mewt fl-adolexxenti (15-19-il sena)[4] fl-Ewropa tal-Punent, partikolarment fis-subien, u nstab li hija ogħla b'mod sinifikanti meta kkumparata mal-adulti;

AA. billi studji jissuġġerixxu li proporzjon kbir ta' studenti juru sinjali ta' kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, flimkien ma' ħiliet soċjali u kapaċitajiet emozzjonali mnaqqsa[5];

---

1 Smahel, D. et al, *EU Kids Online 2020: Survey results from 19 countries*(Riżultati tal-istħarriġ minn 19-il pajjiż), UE Kids Online, 2020.

2 Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Kummissjoni Ewropea), *How children (10-18) experienced online risks during the Covid-19 lockdown – Spring 2020*(*Kif it-tfal (bejn 10-18) esperjenzaw riskji online waqt l-lockdown tal-Covid-19 – Rebbiegħa 2020*), L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

3 L-OECD u l-Kummissjoni Ewropea, Health at a Glance:(Is-Saħħa f'daqqa t'għajn:) Europe 2022:(Europe 2022) State of Health in the EU Cycle(L-Istat tas-Saħħa fiċ-Ċiklu tal-UE), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2022.

4 UNICEF, *The State of the World's Children 2021 – On My Mind:(L-Istat tat-Tfal tad-Dinja 2021:) Promoting, protecting and caring for children's mental health (Fuq Moħħi: Nippromwovu, nipproteġu u nieħdu ħsieb is-saħħa mentali tat-tfal)*, UNICEF, New York, Ottubru 2021.

5 Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, A systemic, whole-school approach to

AB. billi t-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal pressjoni u aspettattivi għoljin mis-soċjetà u huma affettwati minn ansjetà li ġejja minn theddid globali, bħall-pandemija tal-COVID-19, l-emerġenza klimatika, il-kunflitti, l-inċertezza u fatturi oħra;

AC. billi hemm rabta qawwija bejn is-saħħa mentali dgħajfa u l-bullying, b'konsegwenzi addizzjonali ta' ħsara, li jirriżultaw fi stress ogħla, ansjetà u sintomi oħra negattivi tas-saħħa mentali fit-tfal, fl-adolexxenti u fiż-żgħażagħ, b'konsegwenzi dannużi fl-età adulta;

AD. billi livelli baxxi ta' interazzjonijiet soċjali u familjari fit-tfulija jwasslu għal riżultati aktar foqra tas-saħħa mentali fiż-żgħażagħ, li jkomplu matul l-età adulta;

AE. billi fl-UE, il-valur annwali tas-saħħa mentali mitluf fit-tfal u ż-żgħażagħ huwa stmat għal EUR 50 biljun[1];

AF. billi l-psikologi għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-edukazzjoni billi jieħdu ħsieb is-saħħa mentali ġenerali tal-iskola jew tal-faċilità, jippromwovu edukazzjoni tas-saħħa effettiva, itejbu r-riżultati tat-tagħlim, iżommu t-tfal sikuri, jipprevjenu li t-tfal jitilqu mill-iskola u dixxiplina fqira, jimmaniġġjaw kunflitti bejn il-ħbieb, l-istudenti u l-għalliema tagħhom u bejn membri oħra tal-persunal, jippromwovu l-ħiliet f'varjetà ta' dixxiplini, jintegraw u jtejbu r-riżultati tat-tagħlim ta' studenti bi bżonnijiet speċjali u studenti minn minoranzi etniċi, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iqarrbu l-gwardjani lejn l-iskola, itejbu s-saħħa mentali tal-għalliema, u jħarrġu l-persunal kemm ta' dak li jgħallem kif ukoll dak li ma jgħallimx;

AG. billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE hija ta' medja ta' 13 %[2], li taffettwa lin-nisa b'mod aktar negattiv mill-irġiel, u speċjalment lill-familji b'ġenitur wieħed;

AH. billi r-rata ta' mortalità mid-disturbi fil-komportament alimentari hija ogħla mill-kundizzjonijiet l-oħra kollha tas-saħħa mentali, li taffettwa prinċipalment il-bniet u t-tfajliet u tinfluwenza mhux biss is-saħħa fiżika tagħhom iżda twassal ukoll, fost l-oħrajn, għal stima personali aktar baxxa, disturb ta' ansjetà ġenerali, disturb ta' ansjetà soċjali,

---

mental health and well-being in schools in the EU(Approċċ sistemiku għall-iskola kollha għas-saħħa u l-benessri mentali fl-iskejjel fl-UE), L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

1 UNICEF, *The State of the World's Children 2021 – On My Mind:(L-Istat tat-Tfal tad-Dinja 2021:) Promoting, protecting and caring for children's mental health (Fuq Moħħi: Nippromwovu, nipproteġu u nieħdu ħsieb is-saħħa mentali tat-tfal)*, UNICEF, New York, Ottubru 2021.

2 Skont l-iskeda informattiva tal-Kummissjoni Ewropea tal-2022 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

dipressjoni, korriment intenzjonali mill-persuna stess u suwiċidju;

AI. billi n-nisa tqal, in-nisa li welldu reċentement u n-nisa li sfaw vittma ta' episodju trawmatiku huma aktar suxxettibbli għall-impatti psikoloġiċi ta' kriżijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi [1,2]; billi x-xogħol tad-dar u r-responsabbiltajiet tal-kura tat-tfal għandhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa mentali tan-nisa, kif muri mill-pubblikazzjoni "L-indiċi tas-Saħħa Mentali - Headway 2023", li tirrapporta li 44 % tan-nisa bi tfal taħt it-12-il sena jonqsu milli jagħmlu x-xogħlijiet tad-dar, meta mqabbla ma' 20 % biss tal-irġiel;

AJ. billi skont id-WHO, il-vjolenza kontra n-nisa saret problema ta' saħħa pubblika ta' proporzjonijiet epidemiċi peress li, pereżempju, waħda minn kull tliet nisa fl-UE esperjenzat vjolenza fiżika u/jew sesswali, li wasslet għal stat ta' saħħa mentali agħar, stress ogħla u kundizzjonijiet tas-saħħa mentali;

AK. billi s-servizzi tas-saħħa nazzjonali ta' diversi Stati Membri jistgħu u jridu jagħmlu aktar biex jappoġġjaw lin-nisa li jsofru vjolenza fiżika jew abbuż sesswali; billi t-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali fl-UE huwa fenomenu speċifiku għall-ġeneru li jaffettwa b'mod predominanti lin-nisa[3];

AL. billi l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-komunità LGBTQIA+, speċjalment l-adolexxenti, qed jiżdiedu u konsegwentement qed iwasslu għal kundizzjonijiet severi ta' saħħa mentali, speċjalment fost l-adolexxenti, u għal riżultati permanenti bħal omiċidju, mewt b'korriment intenzjonali mill-persuna stess jew suwiċidju, li jirriżultaw fi tbatija tal-minoranza kollettiva fost il-komunità;

AM. billi l-komunità LGBTQIA+ tinsab f'riskju akbar li tiżviluppa sintomi u disturbi fil-komportament alimentari[4];

---

1 Programm ta' Azzjoni dwar id-Diskrepanza tas-Saħħa Mentali tal-WHO, *mhGAP Intervention Guide for mental, neurological and substance use disorders in non-specialized health settings – version 2.0*(*Gwida ta' Intervent tal-mhGAP għal disturbi mentali, newroloġiċi u tal-użu ta' sustanzi f'ambjenti tas-saħħa mhux speċjalizzati – verżjoni 2.0*), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2016.

2 Id-Dar Ewropea – Ambrosetti b'kollaborazzjoni ma' Angelini Pharma, *L-indiċi tas-Saħħa Mentali - Headway 2023*, Brussell, Ottubru, 2021.

3 UNICEF, The State of the World's Children 2021 – On My Mind:(L-Istat tat-Tfal tad-Dinja 2021:) Promoting, protecting and caring for children's mental health (Fuq Moħħi: Nippromwovu, nipproteġu u nieħdu ħsieb is-saħħa mentali tat-tfal), UNICEF, New York, Ottubru 2021.

4 O'Flynn, J. et al, "Toward inclusivity: A systematic review of the conceptualization of sexual minority status and associated eating disorder outcomes across two decades", *International Journal of*

AN. billi interventi li jallegaw li huma “terapiji” ta’ konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-individwu huma psewdoxjenza u jikkontribwixxu għall-istigmatizzazzjoni u għas-saħħa mentali dgħajfa fil-komunità LGBTQIA+[1];

AO. billi s-solitudni u l-iżolament soċjali fl-adulti li huma akbar fl-età huma assoċjati ma’ dimenzja u riżultati negattivi ta’ saħħa fiżika u mentali, inklużi disturbi relatati mas-sustanzi, aġir suwiċidali, drawwiet ħżiena ta’ stil ta’ ħajja, dipressjoni kbira u ansjetà;

AP. billi l-migranti, dawk li jfittxuażil u r-rifuġjati jiltaqgħu ma’ sitwazzjonijiet avversi li jikkontribwixxu għal trawma psikoloġika u kundizzjonijiet oħra tas-saħħa mentali;

AQ. billi kemm sustanzi leċiti kif ukoll illeċiti, bħall-kaffeina, il-kannabis, l-alkoħol, l-allucinoġeni, l-inalanti, l-opjojdi, is-sedattivi, l-ipnotiċi u l-ansjolitiċi, l-istimulanti, in-nikotina, t-tabakk[2] u sustanzi oħra, u mġiba (logħob tal-azzard, konsum ta’ ikel b’mod eċċessiv, konsum televiżiv bla kontroll u dipendenza fuq l-internet, fost oħrajn[3]), jistgħu jwasslu għal vizzji fl-imġiba jew disturbi relatati mas-sustanzi, li huma korrelatati ħafna ma’ kundizzjonijiet oħra tas-saħħa mentali;

AR. billi huwa probabbli li xi nies minn gruppi vulnerabbli jirċievu kura f’ambjenti istituzzjonali fejn jistgħu jiġu iżolati mill-komunità usa’ u/jew imġiegħla jgħixu flimkien u jistgħu ma jkollhomx kontroll suffiċjenti fuq ħajjithom u d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, u fejn ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni nnifisha jistgħu jieħdu preċedenza fuq il-bżonnijiet individwali tar-residenti;

AS. billi t-transistituzzjonalizzazzjoni hija fenomenu kkaratterizzat minn pazjenti li jittrasferixxu minn istituzzjoni għal oħra wara l-għeluq ta’ istituzzjonijiet psikjatriċi[4];

AT. billi l-ħabsin u l-persuni detenuti mill-awtoritajiet pubbliċi b’mod ġenerali jbatu minn għeluq u iżolament u aktar minn terz tan-nies fil-ħabs ibatu minn kundizzjonijiet ta’ saħħa mentali ta’ diversi tipi; billi wieħed minn kull ħames ħabsijiet fl-Ewropa jirrapporta affollament eċċessiv;

AU. billi s-suwiċidju huwa s-sitt l-iktar kawża komuni ta’ mewt fost il-popolazzjoni kollha kemm hi fl-UE u r-Renju Unit[5] u r-raba’ kawża

---

Eating Disorders, Volum 56, Ħarġa 2, Frar 2023, pp. 350-365.

1 Harrell, B., *Conversion Therapy Bans, Suicidality, and Mental Health*, Ottubru 2022.

2 L-Assoċjazzjoni Psikjatrika Amerikana, *Diagnostic and statistical manual of mental disorders (5th ed.)*, 2013.

3 L-Assoċjazzjoni Psikjatrika Amerikana, *Diagnostic and statistical manual of mental disorders (5th ed.)*, 2013.

4 Skont id-Dizzjunarju Oxford tas-Soċjoloġija.

5 Id-Dar Ewropea – Ambrosetti b’kollaborazzjoni ma’ Angelini Pharma,

komuni ta' mewt fost iż-żgħażagħ; billi r-rata ta' mortalità minn suwiċidju hija indikatur fil-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv tas-Saħħa Mentali tad-WHO għall-2013–2030, u l-mira 3,4 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli hija li titnaqqas b'terz, sal-2030, il-mortalità prematura mill-mard mhux komunikabbli permezz tal-prevenzjoni u t-trattament u l-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-benessri; billi r-rati ta' suwiċidju standardizzati skont l-età fir-reġjun Ewropew qed jonqsu matul is-snin, iżda l-Ewropa tibqa' r-reġjun bit-tieni l-ogħla rata madwar id-dinja[1], bi prevalenza ogħla fl-irġiel; billi skont studji reċenti tad-WHO, l-istigma soċjali, it-tabù dwar id-diskussjoni miftuħa tas-suwiċidju u d-disponibbiltà dgħajfa tad-data jwasslu għal kwalità fqira tad-data disponibbli kemm dwar suwiċidji kif ukoll dwar attentati ta' suwiċidju;

AV. billi l-mard li jittieħed, bħall-HIV, l-epatite virali, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u oħrajn, ħafna drabi huma kawża ta' stigmatizzazzjoni u ħsara fis-saħħa mentali għall-individwi;

AW. billi l-mard mhux komunikabbli jista' jkollhom impatt profond fuq is-saħħa u l-benessri mentali u l-isfidi tal-ġestjoni tal-mard mhux komunikabbli spiss jikkontribwixxu għal stress, dipressjoni, ansjetà u mġiba suwiċidali u huma aktar evidenti fil-popolazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, speċjalment dawk li jbatu minn uġigħ kroniku[2];

AX. billi huwa aktar probabbli li n-n-nies li jgħixu b'mard rari jesperjenzaw sintomi ta' kundizzjoni ta' saħħa mentali (bħal burdata ħażina, ansjetà jew eżawriment emozzjonali, xi drabi jwasslu għal ħsibijiet jew intenzjoni suwiċidali) mill-popolazzjoni ġenerali;

AY. billi l-mard mhux komunikabbli jistgħu jseħħu flimkien ma' kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi assoċjati u jkollhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa mentali tan-nies;

AZ. billi l-persuni b'diżabbiltà jiltaqgħu ma' diversi ostakli fil-ħajja ta' kuljum, inklużi l-istigma, l-iżolament, id-diskriminazzjoni, l-assenteiżmu, in-nuqqas ta' aċċessibbiltà, l-abbandun u n-nuqqas ta' appoġġ soċjali, li jwasslu għal stress għoli għas-saħħa mentali, ansjetà, dipressjoni, mewt permezz ta' korriment intenzjonali mill-persuna stess jew suwiċidju;

BA. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali għandhom rwol sostanzjali fiż-żieda tas-suxxettibilità għall-mard mhux komunikabbli[3]; billi din l-

---

L-indiċi tas-Saħħa Mentali - Headway 2023, Brussell, Ottubru, 2021.

1 WHO, *Suicide worldwide in 2019: global health estimates*, Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2021.

2 Miró, J. et al, "Chronic pain and high impact chronic pain in children and adolescents: a cross-sectional study", *Journal of Pain*, Volum 24, Ħarġa 5, Mejju 2023, pp. 812-823.

3 Pryor, L. et al., *Mental health and global strategies to reduce NCDs and premature mortality*, 2017.

interazzjoni hija ta' natura ċiklika u sussegwentement tista' żżid ir-riskju ta' mard mhux komunikabbli;

L-indirizzar tad-determinanti tas-saħħa mentali

Il-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-promozzjoni tas-saħħa mentali għal kulħadd, speċjalment fost il-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà

1. Jenfasizza li kulħadd jista' jiltaqa' ma' stress mentali u fatturi ta' riskju differenti f'fażijiet differenti ta' ħajjithom, li jistgħu jżidu r-riskju ta' kundizzjonijiet ta' saħħa mentali aktar severi jew saħansitra kroniċi; jisħaq li kwalunkwe persuna tista', fi kwalunkwe punt ta' ħajjitha, issir aktar suxxettibbli għal saħħa mentali iktar dgħajfa u għalhekk issib ruħha f'sitwazzjoni vulnerabbli; jenfasizza wkoll li persuna tista' tappartjeni ma' bosta gruppi vulnerabbli fl-istess ħin, li jenfasizza l-importanza ta' approċċ intersezzjonali;

2. Jenfasizza li s-saħħa u l-benessri mentali huma ffurmati minn taħlita ta' fatturi soċjoekonomiċi, ambjentali, bijoloġiċi u ġenetiċi; jenfasizza, barra minn hekk, l-influwenzi negattivi ta' esperjenzi negattivi fit-tfulija fuq il-bidu ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali[1];

3. Jisħaq li l-indirizzar tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jeħtieġ fehim sħiħ tad-determinanti differenti tas-saħħa mentali u li approċċ intersettorjali huwa meħtieġ biex jipprevjeni u jittaffew l-impatti fuq l-individwi, il-komunitajiet u s-soċjetajiet permezz ta' approċċ ta' "saħħa mentali fil-politiki kollha" (MHiAP)[2] u kollaborazzjoni innovattiva bejn is-settur tal-kura tas-saħħa u setturi rilevanti oħra, inklużi s-servizzi soċjali, l-akkomodazzjoni, l-impjiegi u l-edukazzjoni[3]; jemmen li l-approċċ tal-MHiAP għandu japplika għal-livelli u s-setturi kollha tal-politika;

---

1 Kessler, R.C. et al, "Childhood adversities and adult psychopathology in the WHO World Mental Health Surveys", *British Journal of Psychiatry*, Volum 197, Ħarġa 5, Novembru 2010, pp. 378-385.

2 "F'approċċ [MHiaP], jittieħdu azzjonijiet biex tiġi indirizzata s-saħħa mentali fi ħdan u lil hinn mis-settur tas-saħħa, b'fokus qawwi fuq il-promozzjoni u l-prevenzjoni. Il-politiki f'oqsma differenti (bħall-edukazzjoni, il-protezzjoni tat-tfal, l-impjiegi, id-dħul, l-akkomodazzjoni, il-kultura, l-ambjent, il-protezzjoni soċjali u ħafna aktar) jistgħu jkollhom impatt pożittiv fuq is-saħħa mentali, billi jsaħħu l-fatturi protettivi u jtaffu l-fatturi ta' riskju għal problemi ta' saħħa mentali.". *Dikjarazzjoni tan-Network Tematiku tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE "Is-Saħħa Mentali fil-Politiki Kollha" tad-19 ta' April 2023, A mental health in all policies approach as key component of any comprehensive initiative on mental health(Approċċ dwar is-saħħa mentali fil-politiki kollha bħala komponent ewlieni ta' kwalunkwe inizjattiva komprensiva dwar is-saħħa mentali).*

3 Allen, J. et al., *Social Determinants of Mental Health*, 2014.

4. Jirrikonoxxi l-impatt profond u dejjiemi li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq is-saħħa mentali, il-kundizzjonijiet eżistenti li marru għall-agħar u żiedet il-prevalenza tagħhom, b'impatt sproporzjonat fuq ċerti gruppi fis-soċjetà, bħal nisa, persuni b'diżabilità, tfal, adolexxenti u żgħażagħ, anzjani, nies immunokompromessi, dawk li jieħdu ħsiebhom u gruppi ta' nies b'kuntatt soċjali limitat;

5. Jenfasizza li l-effetti kumulattivi ta' kriżijiet ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u ambjentali suċċessivi, id-degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkomplu jaffettwaw is-soċjetà; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu ttrattati l-inugwaljanzi soċjali, il-faqar u d-diskriminazzjoni kif ukoll li jiġu ggarantiti d-drittijiet soċjali u tax-xogħol, l-aċċess għall-kultura u ambjent b'saħħtu; jenfasizza l-impatt tal-fatturi ambjentali fuq is-saħħa mentali u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-fatturi ta' stress ambjentali, bħat-tniġġis u t-tibdil fil-klima, meta jiġu żviluppati strateġiji tas-saħħa mentali;

6. Jirrikonoxxi l-importanza ta' fatturi protettivi tas-saħħa mentali u tal-promozzjoni attiva ta' reżiljenza u saħħa mentali tajba, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' soċjetà li tiffunzjona, servizzi tas-saħħa u soċjali, ikel tajjeb għas-saħħa u akkomodazzjoni affordabbli, dħul suffiċjenti, u aċċess għal spazji pubbliċi sikuri (bħal spazji ħodor), logħob u attivitajiet fiżiċi u kulturali;

7. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma aġent importanti li jistigaw is-suwiċidju u li d-WHO tirrikonoxxi s-suwiċidju bħala prijorità tas-saħħa pubblika; jisħaq li s-suwiċidju jista' jiġi evitat u li jeżistu interventi effettivi;

8. Jirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet kumplessi bejn is-saħħa fiżika u s-saħħa mentali u jirrikonoxxi li l-istigma tas-saħħa mentali u d-diskriminazzjoni għadhom prevalenti fis-soċjetà, li jwassal biex is-saħħa mentali tiġi injorata meta mqabbla mas-saħħa fiżika, b'impatt fuq il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa mentali u l-allokazzjoni ta' fondi għas-servizzi tas-saħħa mentali; jinnota li l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma l-kawża ewlenija[1] ta' snin ta' ħajja b'saħħitha mitlufa minħabba diżabilità fl-UE u li n-nies li huma djanjostikati b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali severi u kundizzjonijiet kroniċi assoċjati huma aktar probabbli li jmutu qabel iż-żmien u li jkollhom kwalità ta' ħajja mnaqqsa; mobilità u parteċipazzjoni soċjali tul il-ħajja tagħhom; jisħaq li n-nies b'kundizzjonijiet severi ta' saħħa mentali jesperjenzaw prevalenza

---

[1] Data mill-Istudju Globali tal-Piż tal-Mard tan-Network Kollaborattiv Globali tal-Piż tal-Mard 2019 tindika li mental health conditions are the leading cause of years lived with disability in both sexes for standardised age if counted together with substance-related disorders.(il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali huma l-kawża ewlenija ta' snin li jgħixu b'diżabilità fiż-żewġ ġeneri għal età standardizzata jekk magħduda flimkien ma' disturbi relatati mas-sustanzi).

ogħla ta’ komorbiditajiet fiżiċi u bosta morboditajiet, li jappellaw għall-għoti ta’ kura integrata u olistika li tqis kemm il-ħtiġijiet tas-saħħa mentali kif ukoll dawk fiżiċi tagħhom;

9. Jinkoraġġixxi approċċ tul il-ħajja għas-saħħa mentali, b’akbar investiment fis-servizzi għall-istadji kollha tal-ħajja u ambjenti favur l-età; jinnota wkoll l-importanza ta’ strateġija tal-UE biex tindirizza l-konsegwenzi tas-saħħa mentali tal-bidliet demografiċi fil-popolazzjoni; iqis li, sabiex jitnaqqsu l-inċidenza u l-inugwaljanzi fir-riskju tal-iżvilupp ta’ kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, huwa vitali li jittieħdu miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja ta’ kuljum, li jibdew qabel it-twelid u jimxu tul it-tfulija bikrija, it-tfulija tan-nofs u l-adolexxenza, matul il-formazzjoni tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, u fix-xjuħija, l-adozzjoni ta’ perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja li tagħraf li l-influwenzi li joperaw f’kull stadju tal-ħajja jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali;

10. Jisħaq fuq l-importanza ta’ approċċ bijopsikosoċjali għas-saħħa mentali u ta’ politiki soċjali li jindirizzaw fatturi ta’ riskju għall-esklużjoni soċjali, inklużi iżda mhux limitati għal faqar, il-kundizzjoni ta’ persuni mingħajr dar, disturbi fl-użu ta’ sustanzi, qgħad u vulnerabbiltajiet ekonomiċi, diskriminazzjoni, prekarjetà u konsegwenzi negattivi tad-deregolamentazzjoni fis-suq tax-xogħol, sabiex jiġu evitati l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;

11. Jenfasizza l-fatt li l-interventi għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet immedjati u futuri tal-akkomodazzjoni u tal-impjiegi, u joħolqu ambjent li jwassal għall-benessri ġenerali u r-reżiljenza tas-saħħa mentali;

12. Jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali għal popolazzjonijiet vulnerabbli u għal gruppi b’ċerti kundizzjonijiet mediċi, peress li huwa kkaratterizzat minn varjabbiltà u disparitajiet; jenfasizza l-vulnerabbiltà akbar għall-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fi gruppi speċifiċi bħala riżultat tal-isfidi uniċi li jiltaqa’ magħhom kull grupp, li jistgħu jaggravaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu l-ħtiġijiet ta’ popolazzjonijiet vulnerabbli u ta’ riskju għoli u jindirizzaw id-differenzi fis-saħħa li għandhom l-għeruq tagħhom f’ostakli legali, limitazzjonijiet ekonomiċi, sfidi lingwistiċi u kulturali u prattiki diskriminatorji;

13. Jitlob, għalhekk, lill-UE u lill-Istati Membri biex japplikaw approċċ ta’ universaliżmu proporzjonat, b’appoġġ immirat għal dawk li jista’ jkollhom bżonnu fi kwalunkwe żmien partikolari f’ħajjithom;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta’ għodda ta’ bini tal-kapaċità u ta’ għoti ta’ setgħa, bħal sett ta’ għodda għas-saħħa mentali u l-benessri għall-popolazzjonijiet vulnerabbli, sabiex gruppi vulnerabbli jirnexxu fil-komunitajiet tagħhom;

Tfal, adoloxxenti u żgħażagħ

15. Jenfasizza r-rwol ta' benefiċċju tal-attività fiżika, il-moviment u l-ixprunar u t-tqajjim ta' kuxjenza għal saħħa mentali pożittiva, speċjalment fit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ;

16. Jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza tal-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u s-sinifikat ta' skoperta u intervent bikri, kif ukoll l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizzi tas-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażagħ, partikolarment fl-ambjent tal-iskola u tal-familja, peress li dan jiddetermina l-aktar l-iżvilupp personali fl-età adulta;

17. Josserva bi tħassib id-diffikultajiet li qed jikbru u l-ambjent ta' sfida li jiltaqgħu magħhom it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija, il-gwerra u l-kunflitt, l-instabilità ekonomika u l-kompetittività tal-impjiegi, id-diffikultà biex jaċċessaw akkomodazzjoni affordabbli u l-kriżi urġenti tal-klima, tan-natura u tat-tniġġis; jinsab allarmat bin-numru għoli ta' żgħażagħ Ewropej ta' bejn l-10 u d-19-il sena djanjostikati b'kundizzjoni ta' saħħa mentali u mill-fatt li r-rati ta' suwiċidju f'dan il-grupp huma partikolarment għoljin, speċjalment fost l-irġiel adolexxenti[1]; jirrikonoxxi l-potenzjal tal-bidliet fis-soċjetà biex iħallu impatt dejjiemi fuq is-saħħa mentali tal-ġenerazzjoni żagħżugħa u l-aspettattivi tas-soċjetà tagħhom;

18. Jenfasizza l-importanza tas-sistemi ta' appoġġ għat-tfal fl-iskejjel u barra mill-iskejjel, inkluż permezz ta' organizzazzjonijiet kulturali, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u klabbs sportivi; jinnota l-effetti potenzjali ħżiena li l-ansjetà klimatika li qed tiżdied għandha fuq il-benessri mentali tat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw dan ir-riskju u biex is-saħħa mentali tkun inkluża fil-provvista tal-kura tas-saħħa, b'inizjattivi bħall-iżvilupp ta' programmi ta' bini ta' reżiljenza li jindirizzaw l-ansjetà u t-trawma relatati mal-klima;

19. Jisħaq fuq il-fatt li l-espożizzjoni taż-żgħażagħ għal sustanzi psikoattivi, b'mod partikolari dawk ta' impatt għoli, iżid ir-riskju tagħhom li jiżviluppaw disturbi psikotiċi[2], bħall-iskiżofrenja, u disturbi dipressivi, b'riżultati kroniċi u diżabbli matul l-iżvilupp u l-ħajja adulta, bħal impatti negattivi fuq il-funzjonament konjittiv u soċjali tagħhom u riskju akbar ta' suwiċidju;

---

1 In-Network Kollaborattiv Globali tal-Piż tal-Mard, *Global Burden of Disease Study 2019 (GBD 2019)*, L-Istitut għall-Metrika u l-Evalwazzjoni tas-Saħħa, Seattle, 2020.

2 Fischer, B. et al, "Recommendations for Reducing the Risk of Cannabis Use-Related Adverse Psychosis Outcomes: A Public Mental Health-Oriented Evidence Review", *Journal of Dual Diagnosis*, Volum 19, Ħarġa 2-3, 2023 pp. 71-96.

20. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprijoritizzaw is-saħħa u l-benessri mentali fost it-tfal u ż-żgħażagħ billi jirrikonoxxu l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali bħala wieħed mill-aktar tħassib sinifikanti dwar is-saħħa għal dan il-grupp demografiku;

21. Barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga aktar regolamentazzjoni u tikkumplimenta l-qafas legali eżistenti sabiex tabbozza politiki fil-livell tal-UE favur il-protezzjoni tat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri;

22. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki li jagħtu prijorità lis-saħħa mentali tat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ billi jsaħħu s-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal, biex b'hekk jimmiraw li jipprevjenu l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u s-suwiċidju, u billi jipprovdu aċċess għal servizzi ta' saħħa mentali bi prezz baxx jew b'xejn b'kumplessità amministrattiva minima; jenfasizza li l-kura tat-tfal fl-istituzzjonijiet tal-istat għandha tkun l-aħħar għażla u li l-Istati Membri għandhom jiffokaw fuq il-kura preventiva; jirrakkomanda l-allokazzjoni ta' riżorsi għat-taħriġ tal-persuni li jieħdu ħsiebhom u l-persunal fl-istituzzjonijiet tal-istat u jinkoraġġixxi l-għoti ta' valutazzjonijiet u appoġġ kontinwi tas-saħħa mentali għat-tfal matul iż-żmien tagħhom fil-kura tal-istat, b'enfasi fuq pjanijiet ta' trattament individwalizzati u segwitu regolari; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal fil-kura tal-istat ikollhom aċċess għal servizzi tas-saħħa mentali, biex jikkollaboraw mal-partijiet interessati rilevanti kollha (inklużi psikologi tat-tfal, psikjatri, ħaddiema soċjali u NGOs), biex jistabbilixxu protokolli speċjalizzati ta' valutazzjoni tas-saħħa mentali biex jidentifikaw u jindirizzaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali li digà kienu eżistenti u li jirreferuhom għand professjonisti xierqa tas-saħħa mentali; jenfasizza l-importanza tal-kontinwità tal-kura għat-tfal li jkunu qed jagħmlu tranżizzjoni mill-kura statali u jenfasizza l-ħtieġa tal-integrazzjoni fis-soċjetà għal saħħa mentali tajba fit-tul;

Diġitalizzazzjoni

23. Jirrikonoxxi kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-riskji tat-teknoloġiji diġitali, minn konnettività u aċċess akbar għall-informazzjoni għal dipendenza diġitali potenzjali u interazzjonijiet imnaqqsa fid-dinja reali;

24. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fil-pjattaformi diġitali u jitlob għat-tisħiħ tal-pjattaformi ta' appoġġ, smigħ u twissija għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u sesswali;

25. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ l-Att dwar is-

Servizzi Diġitali[1] sabiex jipprevjenu, jindirizzaw u jevitaw kwalunkwe mibegħda u fastidju online, speċjalment għal nies vulnerabbli, bħannisa u ż-żgħażagħ;

26. Jenfasizza l-importanza li jitnaqqas id-distakk diġitali sabiex jiġu evitati li jitwessgħu l-inugwaljanzi, speċjalment fit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għal Internet aħjar għat-tfal u l-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali, bħala r-regolatur primarju għal pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix online kbar ħafna taħt l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u biex nimxu lejn spazju diġitali aktar sikur u b'saħħtu għal kulħadd billi tiġi ggarantita konverġenza 'l fuq u jiġu stabbiliti l-ogħla u l-aktar punti ta' riferiment;

28. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 potenzjalment approfondiet il-lakuni edukattivi u diġitali li għandhom impatt fuq il-possibilitajiet tal-ħajja tat-tfal, kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw bir-reqqa l-konsegwenzi negattivi tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni fuq is-saħħa mentali tat-tfal, tal-adolexxenti u taż-żgħażagħ, peress li minkejja l-benefiċċji tagħha, f'xi każijiet tista' tikkawża problemi soċjali u ta' mġiba, flimkien ma' kwistjonijiet oħra ta' saħħa, bħall-imġiba sedentarja u irregolari ta' rqad; jenfasizza wkoll ir-rwol importanti tal-edukazzjoni fil-prevenzjoni tal-bullying u l-bullying ċibernetiku fl-iskola; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti għal riċerka xjentifika dwar l-użu sikur tat-teknoloġija diġitali mit-tfal u l-adolexxenti u dwar il-mezzi li jistgħu jkunu l-aktar effettivi biex jitnaqqas il-piż tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali f'din il-popolazzjoni;

Ġeneru

29. Jirrikonoxxi li l-ġeneru għandu rwol ċentrali fit-tiswir tal-esperjenzi tas-saħħa mentali, li jwassal għal disparitajiet fil-prevalenza, tipi ta' disturbi u aċċess għall-kura tas-saħħa mentali; iqis li l-vjolenza, l-istress u l-ambjenti tossiċi ħafna drabi huma korrelatati mal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fil-ġeneri kollha u l-istmerrija biex tfittex għajnuna għal kundizzjonijiet tas-saħħa mentali; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;

30. Iqis li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għad għandha rwol sinifikanti fil-kapaċità tan-nisa li jipprijoritizzaw is-saħħa mentali tagħhom stess u jippromwovu l-benessri; jistieden, għalhekk, lill-

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

Istati Membri biex jimplimentaw malajr id-Direttiva dwar paga ugwali għal xogħol ugwali[1];

31. Jenfasizza li l-istudji juru li l-istatus tas-saħħa mentali tan-nisa, speċjalment tal-bniet, qed jiggrava b'rata allarmanti, mingħajr ma s-soċjetajiet ikollhom il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-istrutturi adegwati biex jippromwovu, jipprevjenu jew jgħinuhom professjonalment fl-istadji bikrija; jirrikonoxxi li s-saħħa mentali tan-nisa tista' tinfluwenza s-saħħa mentali u l-benessri tal-ġenerazzjonijiet futuri bħala konsegwenza ta' kif in-nisa jieħdu aktar responsabbiltà biex jipprovdu kura tat-tfal;

32. Jenfasizza li n-nisa jistgħu jesperjenzaw dipressjoni wara t-twelid, kif ukoll l-istigma relatata, li tista' twassal għal nuqqas ta' appoġġ; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa riproduttiva u sesswali, kif ukoll is-salvagwardja tad-drittijiet tal-maternità u tal-paternità;

33. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-vjolenza kontra n-nisa; jenfasizza l-impatt sproporzjonat tal-vjolenza minn sieħeb intimu, definita bħala vjolenza fiżika, vjolenza sesswali, fastidju jew aggressjoni psikoloġika (inklużi atti koerċittivi) minn sieħeb intimu attwali, jew preċedenti[2], fuq is-saħħa mentali tan-nisa; jenfasizza wkoll it-tbatija psikoloġika miżjuda li ġejja mill-konsegwenzi fiżiċi u riproduttivi tal-aggressjoni;

34. Jinnota bi tħassib li sitt Stati Membri tal-UE (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja)[3] għadhom ma rratifikawx il-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u jħeġġiġhom jagħmlu hekk; jistieden lill-Istati Membri jiffokaw fuq l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, partikolarment il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, peress li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tista' tikkawża trawma tul il-ħajja;

35. Jikkundanna l-prattiki ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, peress li jistgħu jirriżultaw fi trawma psikoloġika, ansjetà, somatizzazzjoni,

---

1 Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21).

2 Ċentru għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard, Fast Facts: Preventing Intimate Partner Violence(Fatt Veloċi: Prevenzjoni tal-Vjolenza Minn Sieħeb Intimu), Ottubru 2022.

3 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU C 283, 11.8.2023, p. 149), il-premessa Z u l-paragrafu 25.

dipressjoni, stress postrawmatiku u kundizzjonijiet oħra ta' saħħa mentali;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kawżi fundamentali tal-isfruttament u t-traffikar sesswali billi tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni;

LGBTQIA+

37. Jikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-implimentazzjoni ta' żoni ħielsa minn LGBTQIA+, kif ukoll "terapiji" ta' konverżjoni, peress li jżidu l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

38. Jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza LGBTQ 2020-2025 u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw rikonoxximent legali tal-ġeneri b'mod mhux diskriminatorju u aċċessibbli;

39. Jenfasizza l-ħtieġa għal valutazzjonijiet inklużivi tal-komunità LGBTQIA+ fil-letteratura u r-riċerka dwar id-disturbi alimentari, iffukati fuq gruppi sottorappreżentati b'identitajiet li jinterċettaw;

40. Jitlob ukoll lill-UE u lill-Istati Membri biex jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda online, partikolarment dak immirat lejn minoranzi etniċi u persuni diskriminati razzjalment, il-komunità LGBTQIA+ u gruppi vulnerabbli oħra;

Xogħol u post tax-xogħol

41. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-post tax-xogħol jista' jkollu biex jiffaċilita saħħa mentali tajba u jirrikonoxxi li kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa jista' jkollhom impatt pożittiv fuq is-saħħa fiżika u mentali, il-benessri u l-produttività;

42. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kura psikoloġika tal-ħaddiema permezz ta' strumenti ddedikati mfassla għall-ħtiġijiet distinti tagħhom, inkluż permezz tal-mediċina okkupazzjonali;

43. Iqis li l-ħaddiema tas-servizzi essenzjali, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sigurtà u l-ħaddiema bix-xift, huma soġġetti għal piżijiet ta' stress ogħla, li jistgħu jwasslu għal burnout u rati ta' suwiċidju sproporzjonati; jemmen li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata permezz ta' politiki u interventi mmirati għall-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa u l-benessri mentali tagħhom;

44. Jenfasizza l-impatt profond tal-esponiment għall-mard fuq il-benessri kemm tal-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa kif ukoll tal-indokraturi, li għandhom rwol vitali fl-għoti ta' kura lil dawk li jeħtieġu assistenza;

45. Ifakkar li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa kienu fuq quddiem matul il-pandemija tal-COVID-19 u li s-saħħa mentali tagħhom stess ġiet affettwata b'mod sinifikanti, u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata u indirizzata din il-vulnerabbiltà miżjuda; jitlob li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-ħaddiema essenzjali jkollhom aċċess iffaċilitat għas-servizzi ta' appoġġ tas-saħħa mentali peress li huma komponent ewlieni tas-sistema tal-kura tas-saħħa;

46. Jitlob aktar riċerka dwar l-impatt tat-telexogħol, li f'xi każijiet wassal għal iżolament akbar fost il-ħaddiema, ħin eċċessiv quddiem l-iskrin, riskju akbar ta' ħin fix-xogħol, disponibbiltà permanenti u n-nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

47. Iqis li l-ħaddiema jistgħu jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet stressanti, bħall-ħtieġa li jiksbu bosta ħiliet, il-pressjoni dejjem tikber biex tiżdied il-produzzjoni, tnaqqis fis-salarji u pagi baxxi, inċertezza u impjieg prekarju, ġranet u sigħat tax-xogħol twal u irregolari u tħassib dwar il-qgħad potenzjali, il-vjolenza u fastidju fuq ix-xogħol, u għalhekk huma f'riskju akbar li jiżviluppaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali; jenfasizza l-importanza li jiġu ggarantiti d-drittijiet tax-xogħol u li jiġu ttrattati l-qgħad u n-nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, u għalhekk huwa favur politiki li jappoġġjaw saħħa mentali tajba fuq il-post tax-xogħol u jippromwovu stil ta' ħajja bilanċjat u kultura ta' aċċettazzjoni;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva leġiżlattiva, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, dwar il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u l-benessri fuq ix-xogħol, inkluż online, sabiex jiġu evitati b'mod effettiv ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, jiġi pprovdut taħriġ għall-maniġment u l-ħaddiema, tivvaluta perjodikament il-progress u ttejjeb l-ambjent tax-xogħol; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tressaq direttiva li timplimenta l-programm ta' ħidma għall-2022-2024 tal-imsieħba soċjali Ewropej transindustrijali dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni;

49. Jenfasizza wkoll li l-isfidi fuq il-post tax-xogħol li jiltaqgħu magħhom ħafna nies b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali jirriżultaw f'rati għoljin ta' esklużjoni fuq il-post tax-xogħol; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tadotta linji gwida biex tappoġġja l-aċċess u r-ritorn għax-xogħol ta' nies b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, inklużi prattiki tax-xogħol aktar flessibbli, biex tippromwovi t-tnaqqis ta' fatturi ta' riskju psikosoċjali ta' ħsara fuq ix-xogħol u biex tiggarantixxi d-dritt tal-ħaddiema għall-istess livell ta' protezzjoni, irrispettivament mill-istatus tagħhom u fejn jgħixu u jaħdmu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, fl-aħħar nett, biex jieħdu miżuri biex itejbu s-saħħa mentali u l-benessri tal-ħaddiema billi jirrispettaw u jipprijoritizzaw id-drittijiet tal-ħaddiema, inklużi kumpens adegwat u benefiċċji soċjali;

50. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jintroduċu miżuri biex jipprovdu prattiki tax-xogħol flessibbli li jappoġġjaw lill-impjegati li jbatu minn

mard, uġigħ fiżiku jew emozzjonali, stress jew kriżijiet oħra tas-saħħa;

Mard kroniku, mard mhux komunikabbli u mard li jittieħed

51. Jenfasizza li l-ambjenti soċjali, il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet kroniċi u l-komorbiditajiet fiżiċi ħafna drabi huma korrelatati; jirrikonoxxi li persuni b'diżabilità jew persuni li jgħixu b'mard kroniku huma aktar probabbli li jkollhom kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u jesperjenzaw rati ogħla ta' esklużjoni fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza li n-nies li jbatu kemm minn kundizzjonijiet ta' saħħa mentali kif ukoll minn kundizzjonijiet kroniċi assoċjati ħafna drabi jkollhom saħħa fiżika sostanzjalment dgħajfa u riskju akbar ta' mard mhux komunikabbli, bħall-kanċer u mard kardjovaskulari, li kollha jikkontribwixxu għal stennija tal-għomor aktar baxxa;

52. Jisħaq li n-nies li jgħixu b'mard mhux komunikabbli kroniċi, li ħafna drabi huma kkaratterizzati minn uġigħ jew diżabilità permanenti, huma partikolarment vulnerabbli fir-rigward tal-iżvilupp ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali; jilqa' t-talba tan-NU għall-iżvilupp ta' programmi effettivi biex jippromwovu s-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali għal persuni li jgħixu b'mard rari; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod adegwat l-impatt tal-mard mhux komunikabbli u mard kroniku u diżabilitajiet oħra f'politiki u programmi dwar is-saħħa mentali u l-prevenzjoni tas-suwiċidju;

53. Iqis li huwa importanti li jiġu integrati interventi psikosoċjali biex jiġu appoġġjati pazjenti li jgħixu bil-konsegwenzi psikoloġiċi tal-HIV u biex jiġu appoġġjati s-servizzi tal-HIV f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO[1]; jinnota li l-kriminalizzazzjoni tal-HIV għandha impatt ġeneralment negattiv fuq il-benessri tan-nies li jgħixu bl-HIV, sitwazzjoni li hija aggravata għan-nies li jistgħu jiltaqgħu ma' forom ta' emarġinazzjoni li jinterċettaw; jikkundanna, għalhekk, id-diskriminazzjoni tal-HIV fuq kwalunkwe livell, inkluż fil-livell leġiżlattiv, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex itemmu tali prattiki mingħajr dewmien, inklużi prattiki li jfixklu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa;

54. Jirrikonoxxi li n-nies li jużaw sustanzi leċiti jew illeċiti ta' vizzju ħafna drabi jbatu minn kundizzjonijiet ta' komorbidità tas-saħħa mentali b'livelli ogħla ta' severità; jinnota li r-rilevanza tal-komorbidità tal-użu ta' sustanzi u l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali hija relatata mhux biss mal-prevalenza għolja tagħha, iżda wkoll mal-ġestjoni diffiċli tagħha u l-assoċjazzjoni tagħha ma' riżultati ħżiena għal dawk

---

[1] WHO, *Integrating psychosocial interventions and support into HIV services for adolescents and young adults: technical brief* (*L-integrazzjoni ta' interventi psikosoċjali u appoġġ fis-servizzi tal-HIV għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ: sommarju tekniku*), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2023.

affettwati; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jiskopru u jipprevjenu l-mġiba jew l-użu ta' sustanzi leċiti jew illeċiti ta' dipendenza;

L-Anzjani

55. Jinnota bi tħassib li, fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjieħ, qed jiżdiedu r-riskji tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fl-anzjani, inklużi l-iżolament u l-istigmatizzazzjoni, li jistgħu jwasslu għal abbuż, negliġenza u diffikultajiet biex ilaħħqu mad-dipressjoni u disturbi oħra; jinnota wkoll ir-rwol li għandhom iż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-kriżi tal-enerġija, il-kundizzjonijiet tal-għajxien li qed jiddeterjoraw, li huma aggravati minn pensjonijiet baxxi f'ċerti gruppi tal-popolazzjoni, it-telf ta' appoġġ soċjali mill-familja u l-ħbieb, u l-okkorrenza ta' problemi fiżiċi jew mard newropsikoloġiku;

56. Jinnota wkoll bi tħassib li r-rati ta' suwiċidju fost l-anzjani huma għoljin[1], u jemmen għalhekk li huwa essenzjali li tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva tal-anzjani fil-ħajja tal-komunità, aċċess affordabbli u ekwu għall-kura tas-saħħa, kif ukoll strutturi ta' appoġġ pubbliku, kura fil-komunità, u infrastruttura. mgħammra bi speċjalisti tas-saħħa mentali;

57. Jirrikonoxxi l-inċidenza dejjem tikber tad-dimenzja u l-konsegwenzi negattivi tas-saħħa mentali assoċjati magħha (inkluż fuq l-indokraturi informali), kif ukoll il-firxa tagħha ta' fatturi ta' riskju modifikabbli u n-natura preventiva tagħhom u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw, flimkien mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, il-Pjan ta' Azzjoni Globali tad-Dimenzja approvat fil-livelli nazzjonali u reġjonali; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali għad-dimenzja sabiex jespandu d-dijanjożi bikrija, l-appoġġ u l-kura għall-adulti bid-dimenzja;

Gruppi vulnerabbli oħra

58. Fid-dawl tal-korp dejjem jikber ta' riċerka internazzjonali u r-rikonoxximent dejjem akbar tal-isfidi relatati mal-ambjent tax-xogħol psikosoċjali tal-bdiewa u s-saħħa mentali, jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tiffoka fuq in-nies li jgħixu f'żoni rurali jew remoti, bħall-bdiewa, b'mod partikolari permezz ta' fondi b'mod li jkunu mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom u jitlob li jitressqu proposti speċifiċi; jisħaq li r-reġjuni l-aktar imbiegħda huma aktar vulnerabbli għal tfixkil fil-kura tas-saħħa, li jeħtieġu politiki adegwati, u jirrakkomanda l-użu ta' inizjattivi ta' kondiviżjoni tal-kompiti u ta' bidla tal-kompiti bħall-Programm ta' Azzjoni dwar id-Diskrepanza fis-Saħħa Mentali (mhGAP) biex jgħammar lill-fornituri tas-servizzi tas-

---

1 OECD, "Main causes of mortality", *Health at a Glance 2021:*(Kawżi ewlenin tal-mortalità Is-Saħħa f'daqqa t'għajn:) *OECD Indicators* (Indikaturi tal-OECD), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2021.

saħħa mhux speċjalizzati bl-għodda biex tappoġġja lin-nies b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess b'mod partikolari fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, rurali u diffiċli għall-aċċess;

59. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' appoġġ għal persuni li jsibu ruħhom mingħajr dar, partikolarment f'termini ta' adattament tar-residenzi għall-ħtiġijiet diversi ta' dawk li m'għandhomx riżorsi;

60. Ifakkar li l-popolazzjoni fil-ħabs hija grupp vulnerabbli u jenfasizza l-kundizzjonijiet problematiċi li dan il-grupp ikollu jsofri, li jistgħu jaggravaw aktar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali tal-ħabsin, u jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem f'dan il-kuntest; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-Istati Membri jieħdu miżuri konkreti mingħajr dewmien biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni fil-ħabs, u jippromwovu s-saħħa mentali u l-benessri tagħhom; jenfasizza li d-dritt ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa, bħat-tilqim u d-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa m'għandhomx jiġu miksura, irrispettivament mir-raġuni wara l-kundanna tagħhom; jirrakkomanda li l-Istati Membri jinvestu fil-kontinwità tal-kura wara l-ħelsien mill-ħabs, biex jiżguraw li s-servizzi tas-saħħa mentali tal-komunità jkunu disponibbli għal din il-popolazzjoni vulnerabbli; ifakkar li ambjent ta' ħabs sikur u b'saħħtu huwa fundamentali sabiex il-ħabsin jiġu appoġġjati fil-proċess ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, li jgħin biex jiġu evitati riperkussjonijiet u rikaduta sussegwenti f'attivitajiet illegali wara l-ħelsien mill-ħabs;

61. Jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' azzjoni fil-politiki tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-protezzjoni tal-migranti, ir-rifuġjati, dawk li jfittxuażil u l-minoranzi etniċi, id-drittijiet tagħhom u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, li huma kwistjonijiet li għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa mentali ta' dawn il-gruppi tal-popolazzjoni;

62. Iqis li l-migranti, ir-rifuġjati, dawk li jfittxuażil u l-minoranzi etniċi jiltaqgħu ma' diskriminazzjoni, segregazzjoni u emarġinazzjoni strutturali u b'diversi aspetti, inklużi r-razziżmu u l-ksenofobija strutturali, istituzzjonali u interpersonali, u għandhom ikunu protetti biex jiġi ssalgwardjat il-benessri fiżiku u s-saħħa mentali tagħhom;

Sorveljanza epidemjoloġika

63. Iqis li s-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa mentali huma għodda importanti u effettiva biex tinġabar data, titkejjel l-inċidenza, il-prevalenza u s-severità klinika tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, il-kosteffettività tal-interventi tas-saħħa mentali u biex tappoġġja l-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu saħħa mentali tajba fis-soċjetà; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-privatezza tad-data u l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-data miġbura tintuża f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, skop leġittimu u proporzjonalità;

64. Jikkunsidra l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa li ġej bħala għodda li tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-data sottostanti għall-politika tas-saħħa pubblika bbażata fuq l-evidenza u l-ekwità tas-saħħa;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw għodda li kapaċi jipprovdu data intelliġenti, diżaggregata u ta' kwalità biex jgħinu jifhmu d-determinanti tas-saħħa mentali, il-kundizzjonijiet, il-kura, l-appoġġ, l-interventi u l-politiki pubbliċi effettivi;

66. Jitlob lill-UE biex tiffaċilita l-ġbir, il-kollazzjoni u r-rappurtar ta' rutina ta' data ewlenija dwar is-saħħa mentali, f'forma li tkun komparabbli u diżaggregata skont il-ġeneru, l-età u fatturi oħra biex jinqabdu sew kwistjonijiet intersezzjonali madwar l-UE; jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jużaw il-Kwalità tal-Ħajja Relatata mas-Saħħa (HRQoL)[1] u l-miżuri tar-riżultati rapportati mill-pazjent (PROMs)[2] biex jitkejlu r-riżultati;

67. Jirrakkomanda li l-monitoraġġ tad-data dwar is-saħħa mentali jsir bl-użu ta' għodda bbażati fuq l-evidenza u indikaturi[3] validati għas-saħħa mentali u l-benessri ġenerali b'indikaturi speċifiċi mfassla għal ambjenti u gruppi ta' età differenti; jisħaq fuq li l-indikaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkumplimentaw il-kriterji dijanjostiċi bl-esperjenzi reali tan-nies biex jirriflettu d-determinanti soċjali tas-saħħa mentali u d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali u, fejn possibbli, dawn l-indikaturi għandhom jiġu żviluppati b'kollaborazzjoni ma' nies b'esperjenzi miksuba; jisħaq li indikaturi speċifiċi dwar determinanti tas-saħħa mentali għandhom ikunu disponibbli wkoll fis-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa, kif rakkomandat mid-WHO; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw, itejbu u jaġġornaw l-indikaturi komuni b'mod sistematiku;

68. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-komprensività, il-kwalità u l-puntwalità tad-data tagħhom relatata mas-suwiċidju inkluża r-reġistrazzjoni tas-suwiċidju, reġistri bbażati fl-isptarijiet ta' korriment intenzjonali mill-persuna stess u attentati ta' suwiċidju u stħarriġ rappreżentattiv fuq livell nazzjonali li jiġbor informazzjoni dwar attentati ta' suwiċidju rapportati mill-persuna stess u aġir suwiċidali, li tissalvagwardja l-privatezza tal-pazjent;

69. Barra minn hekk jistieden lill-Istati Membri jiġbru data u

---

1 Yin, S., et al., *Summarizing health-related quality of life (HRQOL): development and testing of a one-factor model*, 2016.

2 Churruca, K., et al., *Patient-reported outcome measures (PROMs): A review of generic and condition-specific measures and a discussion of trends and issues*, 2021.

3 Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Kummissjoni Ewropea), *Handbook on Constructing Composite Indicators: Methodology and User Guide*, 2008.

jimmonitorjaw l-aċċess għal u d-disponibbiltà tas-servizzi tas-saħħa mentali madwar l-UE, inkluża l-kura tas-saħħa mentali integrata fis-servizzi tal-kura tas-saħħa; jenfasizza l-importanza tal-immappjar tas-servizzi tas-saħħa mentali u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' għodda biex tinġabar data dwar is-saħħa mentali biex jiġu kondiviżi u identifikati n-nuqqasijiet fid-disponibbiltà tas-servizzi, l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-forza tax-xogħol; jissuġġerixxi wkoll li l-Istati Membri jagħmlu użu minn indikaturi tal-livell tas-servizz tas-saħħa mentali biex jiddeskrivu immappjar dettaljat tal-istat tal-kura tas-saħħa mentali madwar l-UE, bħala bażi għall-azzjoni u l-iffissar tal-prijoritajiet;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fil-ġbir u t-tixrid tal-aħjar prattiki, permezz tal-Portal tal-Aħjar Prattiki tal-UE, fir-rigward ta' kampanji mmirati biex jiġu appoġġjati gruppi vulnerabbli u komunitajiet emarġinati;

Stigma tas-saħħa mentali, għarfien u litteriżmu

71. Huwa mħasseb ħafna li, minkejja l-progress f'xi pajjiżi, individwi b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, inklużi dawk b'diżabilitajiet psikosoċjali jew kundizzjonijiet kroniċi assoċjati, u l-familji tagħhom, ta' spiss jesperjenzaw diskriminazzjoni, stigma u esklużjoni soċjali, li jistgħu jkunu ta' ostaklu għar-rikonoxximent; jinnota li ħafna drabi ma jkollhomx aċċess għal kura tas-saħħa f'waqtha, aċċessibbli u affordabbli u jistgħu jbatu minn aċċess diskriminatorju għas-suq tax-xogħol[1] u għall-edukazzjoni, u jirrikonoxxi l-importanza li jitjieb l-aċċess għal oqsma bħal dawn; jinnota li dan jista' jkollu konsegwenzi varji, bħal promozzjoni u protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet tagħhom kif ukoll ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem, riskju akbar ta' kumplikazzjonijiet u riżultati ta' saħħa aktar ħżiena, trattament ittardjat jew evitat, iżolament soċjali, kwalità tal-ħajja mnaqqsa, diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u riskju akbar ta' suwiċidju;

72. Jenfasizza li peress li s-saħħa mentali għadha stigmatizzata u tabù, hemm ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati u implimentati kampanji ta' informazzjoni, titqajjem kuxjenza u jiġu promossi diskussjonijiet miftuħa dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali mmirati lejn l-udjenzi kollha madwar l-UE u speċjalment lejn il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, l-indokraturi, il-pazjenti, il-gruppi vulnerabbli, l-edukaturi, it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ kif ukoll il-ġenituri; jisħaq f'dan il-kuntest fuq ir-rwol tal-komunitajiet, il-figuri pubbliċi, il-politiċi, l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-gvernijiet u l-individwi biex jiġġieldu l-istigma madwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali mingħajr preġudizzji;

---

1 Brouwers, E., et al., *Discrimination in the workplace, reported by people with major depressive disorder: a cross-sectional study in 35 countries*, 2015.

73. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw bidla kulturali kif ukoll jippromwovu inizjattivi biex jiġġieldu l-istigma, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni kontra persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, bħala mezz biex jintegrawhom fil-komunità;

74. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati kollha biex iqajmu kuxjenza dwar l-importanza tal-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba b'mod koordinat u f'waqtu, permezz ta' approċċ MHIAP;

Litteriżmu dwar is-saħħa mentali

75. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jinvestu fil-litteriżmu tas-saħħa mentali taċ-ċittadini sabiex jiġġieldu l-istigma u jagħtuhom is-setgħa, kif ukoll biex tiżdied ir-reżiljenza tas-saħħa mentali;

76. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu s-saħħa mentali fl-edukazzjoni skolastika u jipprovdu taħriġ għall-edukaturi kif ukoll psikoedukazzjoni għall-familji u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, minħabba l-influwenza qawwija li l-iskola jista' jkollha fuq id-destigmatizzazzjoni tas-saħħa mentali minn età żgħira;

77. Jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ speċifiku fir-rigward tal-edukazzjoni sabiex jiġu evitati disturbi fl-użu ta' sustanzi u tiġi miġġielda l-istigma;

Komunikazzjoni

78. Ifakkar li l-lingwaġġ użat biex jiġu indirizzati nies b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali jista' jkun stigmatizzanti u għalhekk termini bħal "mard mentali" għandhom jiġu evitati fil-biċċa l-kbira u sostitwiti b'lingwaġġ iċċentrat fuq il-persuna, inklużiv, mhux stigmatizzanti, ibbażat fuq is-saħħiet u ffukat fuq l-irkupru li jirrifletti l-varjetà ta' esperjenzi tas-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji gwida dwar it-tassonomija tas-saħħa mentali f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tas-saħħa sabiex tevita l-użu ta' termini b'konnotazzjonijiet negattivi f'dokumenti ta' politika u biex tarmonizza l-użu tal-lessiku tas-saħħa mentali madwar l-Ewropa;

79. Jitlob lill-Istati Membri biex iħeġġu lill-media jadattaw il-prattiki u l-komunikazzjoni tagħhom biex jaderixxu mar-rappurtar etiku u responsabbli dwar is-suwiċidju, biex joqogħdu attenti meta jindirizzaw il-kunċett ta' kura personali biex jevitaw li titpoġġa r-responsabbiltà fuq l-individwi; jinnota l-impatt ta' abbuż ta' sustanzi leċiti u illeċiti f'korriment intenzjonali mill-persuna stess, aġir suwiċidali u suwiċidju; għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw b'mod strett ir-reklamar biex jevitaw il-promozzjoni tal-użu ta' sustanzi;

80. Huwa mħasseb ħafna dwar l-impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tal-kopertura tal-media u r-rappreżentazzjonijiet tas-soċjetà tad-daqs tal-

ġisem u l-immaġini, li ħafna drabi jpinġu standards tas-sbuħija tossiċi u mhux realistiċi;

It-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa mentali

Aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa mentali

81. Jenfasizza li l-prinċipji ta' kura ekwa, affordabbli u faċilment aċċessibbli, l-emanċipazzjoni tan-nies li jgħixu b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, l-għażla tat-trattament mixtieq u l-iffukar fuq il-pazjent għandhom jirfdu s-sistemi tas-saħħa mentali madwar l-UE; jenfasizza li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandu jkollhom aċċess għall-firxa sħiħa meħtieġa ta' servizzi tas-saħħa mentali ta' kwalità, meta u fejn jeħtieġuhom, mingħajr ma jġarrbu tbatija finanzjarja jew jiltaqgħu ma' ostakli amministrattivi;

82. Iqis li l-kopertura tas-saħħa universali hija essenzjali biex jiġi żgurat li kulħadd, inklużi l-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli u l-komunitajiet emarġinati, jirċievu kura tas-saħħa f'waqtha, effettiva u affordabbli; iqis li l-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa dritt tal-bniedem, li jagħmilha parti integrali, essenzjali u strutturali tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri; jilqa' l-Inizjattiva Speċjali tad-WHO għas-Saħħa Mentali (2019-2023)[1], immirata biex tiżdied il-kura tas-saħħa mentali bħala parti mill-kopertura tas-saħħa universali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw l-aċċess għal servizzi u programmi ta' saħħa mentali ta' kwalità u mfassla apposta, u jenfasizza l-benefiċċji ta' dawn is-servizzi meta jkunu bla ħlas;

83. Jenfasizza l-importanza li l-kura tas-saħħa mentali tkun verament aċċessibbli għal kulħadd, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi tas-soċjetà, bħall-persuni b'diżabilità, it-tfal u l-anzjani; iwissi kontra r-riskji li jirriżultaw minn aċċess fqir għas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali, speċjalment għat-tfal u l-adolexxenti, li għalihom l-għajnuna f'waqtha hija kruċjali għall-iżvilupp psikosoċjali tagħhom u jenfasizza l-importanza tal-kontinwità tal-kura meta l-pazjenti jgħaddu minn servizzi tas-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolexxenti għal servizzi għall-adulti;

84. Jinsab imħasseb ħafna dwar id-disponibbiltà fqira tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali fl-Istati Membri, b'listi ta' stennija twal b'mod allarmanti bħalissa għal appuntamenti ma' psikjatri u psikologi u nuqqas fit-trattament terapewtiku, kif ukoll għal trattament fil-klinika in-patient u out-patient u nuqqas ta' kopertura rilevanti għall-ispejjeż minn fornituri tal-assigurazzjoni tas-saħħa;

85. Iqis li n-nuqqas ta' persunal f'dan is-settur speċifiku, in-nuqqas ta' integrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa mentali fil-qafas tas-servizzi tas-saħħa ġenerali u speċjalizzati u n-nuqqas ta' finanzjament jaggravaw

---

1 WHO Special Initiative for Mental Health (2019-2023): Universal Health Coverage for Mental Health.

in-nuqqas ta’ disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali; jenfasizza li l-ispiża tas-servizzi tas-saħħa mentali ma tistax u m’għandhiex tkun ostaklu għaċ-ċittadini;

Organizzazzjoni ta’ servizzi tas-saħħa mentali

86. Jirrikonoxxi li l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili mingħajr ħlas jistgħu jipprovdu gwida dwar interventi ulterjuri tas-saħħa mentali, u b’hekk iservu bħala portal għall-aċċess għall-appoġġ xieraq għas-saħħa mentali, jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-familji, jgħinu biex jinżammu d-drittijiet ta’ nies b’kundizzjonijiet ta’ saħħa mentali u jiġġieldu l-istigma fost affarijiet oħra; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jinkoraġġixxu miżuri ta’ appoġġ minn inizjattivi tas-soċjetà ċivili li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa mentali u l-kooperazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa pubblika nazzjonali;

87. Iqis li huwa essenzjali li jiżdied l-investiment fis-servizzi tas-saħħa pubblika, inkluż il-forniment tal-mezzi u r-riżorsi meħtieġa, kemm f’termini ta’ persunal u faċilitajiet fl-isptarijiet kif ukoll ta’ kura tas-saħħa primarja madwar l-UE; jisħaq li l-kopertura tal-kura tas-saħħa mentali għandha tkun imfassla għall-ħtieġa reali għal servizzi eżistenti bil-ħsieb li jiġu rettifikati n-nuqqasijiet serji fis-settur; jitlob għal kollaborazzjoni u kondiviżjoni aħjar ta’ informazzjoni bejn is-servizzi privati u pubbliċi tal-kura tas-saħħa mentali fl-Istati Membri;

Kura multidixxiplinarja u integrata

88. Jinnota li s-servizzi tas-saħħa mentali integrati u multisettorjali b’kollaborazzjoni mas-sistemi edukattivi, ġudizzjarji, tal-kura tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali huma ta’ valur kbir għaċ-ċittadini, il-gvernijiet u s-soċjetà in ġenerali;

89. Jenfasizza li d-disturbi doppji jirrappreżentaw sfida għas-servizzi ta’ trattament peress li l-pazjenti ħafna drabi jiġu riferuti minn servizz għall-ieħor, u b’hekk l-aċċess għat-trattament ikun aktar diffiċli; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm reazzjoni effettiva għall-koeżistenza tas-saħħa mentali u kundizzjonijiet oħra u jenfasizza li approċċ iċċentrat fuq il-pazjent għandu jqis is-saħħa mentali matul il-vjaġġ tal-pazjent, mid-dijanjożi sa wara t-trattament, inkluż għas-superstiti tal-kanċer; għalhekk jirrakkomanda li s-servizzi tas-saħħa mentali u appoġġ psikoloġiku adegwat jiġu inklużi fil-kura komprensiva mogħtija lill-pazjenti;

90. Huwa mħasseb ħafna dwar id-disponibbiltà baxxa ta’ ċentri ta’ appoġġ integrati għall-vizzju fil-kuntest tan-numru dejjem jiżdied ta’ dawn il-kundizzjonijiet u r-riperkussjonijiet għas-saħħa mentali;

91. Jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-saħħa mentali tagħhom billi jibnu networks ta’ servizzi interkonnessi li jkopru firxa wiesgħa ta’ ħtiġijiet ta’ kura u appoġġ, fi ħdan u lil hinn mis-settur tas-saħħa, jiġifieri kooperazzjoni bejn is-servizzi

psikoloġiċi, psikjatriċi u tas-sigurtà soċjali, u l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' interventi ta' aċċess ta' limitu baxx (kura soċjali), toroq ta' kura u l-ewwel għajnuna psikoloġika aċċessibbli ta' kwalità għolja;

Professjonisti tal-kura tas-saħħa mentali

92. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aktar investiment fis-servizzi tas-saħħa pubblika u li dawn ikollhom biżżejjed professjonisti bbażati fuq is-saħħa mentali; jirrikonoxxi li n-nuqqas fil-forza tax-xogħol tas-saħħa mentali, ikkawżat minn taħriġ insuffiċjenti, żamma fqira tal-persunal, tluq minn fuq il-post tax-xogħol, eżodu ta' mħuħ, burnout, sensji, irtirar u avvenimenti oħra jimminaw l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa mentali; jenfasizza barra minn hekk li l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema bbażati fuq is-saħħa mentali huwa kritiku għat-titjib tal-aċċessibbiltà tas-servizzi, it-tħejjija għall-pandemija futura, u l-għoti ta' trattament għat-tfal u ż-żgħażagħ;

93. Jenfasizza l-importanza tal-immappjar tas-servizzi tas-saħħa mentali u l-applikazzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali;

94. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' professjonisti mħarrġa aħjar fl-UE billi jiġu żgurati skemi ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, ċertifikazzjoni u bini tal-kapaċità għall-persunal sabiex jiżdied in-numru ta' professjonisti kwalifikati u b'hekk ikunu konformi mal-istandards u l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD); jappoġġa l-adattament ta' programmi ta' taħriġ dwar is-sensittività kulturali għal professjonisti li jittrattaw popolazzjonijiet diversi, b'kont meħud ta' pariri sensittivi għall-kultura u kuntesti u ħtiġijiet speċifiċi bħal trawma kkawżata minn gwerra u kunflitt, u diżastri naturali;

95. Jissuġġerixxi li jiġi esplorat taħriġ transspeċiku għall-professjonisti kollha sabiex tinftiehem aħjar ir-relazzjoni bejn is-saħħa fiżika u dik mentali u jiġi żgurat li l-aħjar prattiki jiġu kondiviżi madwar l-UE u l-Istati Membri;

96. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri fuq it-titjib tar-rispons ikkoordinat għal nuqqasijiet fil-forza tax-xogħol tas-saħħa mentali, inklużi l-immappjar pan-Ewropew u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu fir-reklutaġġ u ż-żamma ta' professjonisti tas-saħħa mentali biex jindirizzaw in-nuqqas dejjem jikber ta' persunal u jindirizzaw in-nuqqas ta' investiment fis-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika;

Kura tas-saħħa primarja

97. Jisħaq fuq l-importanza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fl-iskrinjar tas-saħħa mentali u l-iżgurar ta' intervent bikri fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, riferimenti għal kura speċjalizzata

u multidixxiplinarja u li jakkumpanjaw persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali tul ħajjithom; jemmen li l-kura tas-saħħa primarja għandu jkollha rwol aktar prominenti fit-trattament ta' pazjenti b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali; jistieden lill-Istati Membri biex jgħammru s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja bi professjonisti esperti tas-saħħa mentali, u jirrakkomanda f'dan il-kuntest li l-kura primarja tiffoka fuq reazzjonijiet immexxija mill-komunità;

Telesaħħa

98. Jirrikonoxxi li s-servizzi diġitali tas-saħħa u tat-telesaħħa jistgħu jaqdu popolazzjoni usa', inklużi popolazzjonijiet f'żoni remoti, u jnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija, filwaqt li jipprovdu aċċess faċli u appoġġ affordabbli; jappoġġja l-fehma li l-użu tat-teknoloġiji diġitali għas-saħħa mentali għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiksbu kopertura tas-saħħa mentali fl-UE kollha; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw networks transkonfinali u għodda diġitali li bihom il-professjonisti tas-saħħa mentali jistgħu jipprovdu tali servizzi, inkluż fuq bażi volontarja jew bi prezz baxx, speċjalment għal popolazzjonijiet vulnerabbli inklużi minoranzi u komunitajiet emarġinati, soċjoekonomikament żvantaġġati jew żoni remoti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-aħjar prattiki għas-saħħa mentali diġitali, immexxija minn prinċipji etiċi, privatezza, sikurezza u responsabbiltà; jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu riżorsi tas-saħħa mentali aċċessibbli f'diversi formati, inklużi materjali tal-awdjo, tal-video u viżivi, biex jaqdu l-ħtiġijiet diversi tal-litteriżmu;

99. Jirrikonoxxi l-effett potenzjali tas-servizzi diġitali tas-saħħa mentali fiż-żieda fl-aċċessibbiltà għaż-żgħażagħ, speċjalment f'żoni remoti jew mhux moqdija biżżejjed; jirrikonoxxi li d-disparitajiet diġitali u l-ostakli tal-litteriżmu jistgħu jfixklu lil xi żgħażagħ milli jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa mentali online; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ u riżorsi ta' litteriżmu diġitali biex jgħammru lill-individwi żgħażagħ bil-ħiliet meħtieġa biex jinnavigaw u jibbenefikaw minn pjattaformi online ta' appoġġ għas-saħħa mentali; jenfasizza l-importanza li jitfasslu riżorsi u pjattaformi tas-saħħa mentali diġitali b'interfaces li jiffavorixxu ż-żgħażagħ u kontenut b'lingwaġġ sempliċi biex jiġi żgurat li jkunu aċċessibbli għaż-żgħażagħ b'livelli differenti ta' litteriżmu diġitali;

Intervent u dijanjożi bikrija

100. Iqis li l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali bħalissa huma sottodijanjostikati u dijanjostikati b'mod ħażin jew huma djanjostikati tard fl-UE, u dan jirriżulta f'konsegwenzi individwali u soċjetali sinifikanti, u b'hekk din hija kwistjoni li teħtieġ attenzjoni urġenti; iqis li l-istigma, l-aċċess limitat għas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali, l-infrastruttura inadegwata u n-nuqqas ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa, kif ukoll fatturi bħal livelli differenti ta' għarfien u

kompetenza fost il-forniturі tal-kura tas-saħħa jaggravaw dawn il-kwistjonijiet; jenfasizza li kull kundizzjoni tas-saħħa mentali taffettwa lil kull persuna b'mod differenti, skont l-esperjenza tagħha u għalhekk kull dijanjożi għandha tkun individwali u mfassla apposta għall-pazjent;

101. Jenfasizza l-importanza ta' dijanjożi bikrija u intervent għall-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali b'enfasi fuq gruppi vulnerabbli fis-soċjetà, peress li l-intervent bikri huwa kosteffettiv u jista' jipprevjeni riżultati ħżiena;

102. Jenfasizza li l-identifikazzjoni u t-trattament bikrija tad-dipressjoni u d-disturbi fl-użu ta' sustanzi huma essenzjali biex titnaqqas ir-rata ta' suwiċidju b'terz sal-2030, f'konformità mal-impenn tal-Istati Membri taħt il-Pjan ta' Azzjoni tas-Saħħa Mentali tad-WHO 2013–2030 u l-mira 3,4 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu li l-identifikazzjoni bikrija, il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-kuntatt ta' segwitu ma' nies li ppruvaw jagħmlu suwiċidju huma parti minn referenza u appoġġ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw interventi tad-WHO bbażati fuq l-evidenza fi programmi ta' prevenzjoni tas-suwiċidju u jappoġġjaw hotlines għall-prevenzjoni tas-suwiċidju permezz ta' finanzi, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju tal-aħjar prattiki;

103. Jirrakkomanda l-użu rilevanti ta' għodda tal-iskrinjar u jqis li dawn għandhom ikunu vvalidati[1] u speċifiċi għall-popolazzjoni fil-mira; jinnota li l-użu ta' għodda tal-iskrinjar m'għandux isir għad-detriment tal-appoġġ u t-trattament konkret minn professjonisti tal-kura tas-saħħa mentali, li jistgħu jsiru notevolment fl-iskejjel[2]; jinnota li għodda diġitali bbażati fuq l-evidenza għall-iskrinjar tas-saħħa mentali u t-trattament bikri jistgħu jkunu ta' użu fejn is-servizzi ma jkunux biżżejjed, iżda għandhom jintużaw b'attenzjoni u b'regolamentazzjoni xierqa, u ma jistgħux jissostitwixxu s-servizzi personali;

104. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għat-taħriġ, il-bini tal-kapaċità u l-implimentazzjoni ta' programmi li jiffokaw fuq il-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa sabiex jinstabu aħjar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u jagħrfu sinjali bikrija ta' tħassib; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kondiviżjoni fost l-Istati Membri tal-aħjar prattiki dwar dijanjożi bikrija u riferiment għal servizzi tas-saħħa mentali minn sistemi edukattivi, ġudizzjarji, tal-kura tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali;

---

1 Ċentru Konġunt tar-Riċerka (European Commission), *Handbook on Constructing Composite Indicators:Methodology and User Guide*, 2008.

2 WHO, First meeting of the pan-European Mental Health Coalition: from debate to action (L-ewwel laqgħa tal-Koalizzjoni pan-Ewropea tas-Saħħa Mentali: mid-dibattitu għall-azzjoni), 2022.

L-ewwel għajnuna tas-saħħa mentali

105. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw programmi ta' taħriġ dwar l-ewwel għajnuna tas-saħħa mentali, inkluż dwar l-ewwel għajnuna psikoloġika fuq skala kbira biex jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-ħiliet li jeħtieġu biex jirrikonoxxu u jirrispondu għall-kriżijiet tas-saħħa mentali, speċjalment f'kuntesti kulturalment sensittivi għat-tfal, bħal dik tal-migrazzjoni;

Intervent bikri f'età bikrija

106. Ifakkar fil-ħtieġa ta' prevenzjoni f'età bikrija permezz tas-sistema edukattiva, li tista' tinkludi investiment fl-arti u l-logħob, aċċess u riżorsi adegwati fis-servizzi tal-psikoloġija, taħriġ tas-saħħa mentali u linji gwida għall-għalliema biex jittrattaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali bħal taħriġ ta' għarfien u sensittività, u tutoraġġ individwali biex jipprovdu lill-istudenti bi spazji sikuri u relazzjonijiet aktar personali, mhux konflittwali mal-edukaturi tagħhom;

107. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu u jippromwovu programmi edukattivi biex jagħtu s-setgħa lit-tfal u lill-adolexxenti jifhmu u jittrattaw il-firxa sħiħa tas-sentimenti tagħhom, kif ukoll jesploraw għodda u strateġiji biex jappoġġjaw il-benessri mentali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità tal-iskejjel u jagħmlu l-iskejjel preprimarji, primarji u sekondarji mgħammra tajjeb biżżejjed biex jaqdu l-ħtiġijiet partikolari tal-komunitajiet tagħhom;

108. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' programmi ta' trobbija tat-tfal ibbażati fuq l-evidenza, li jistgħu jgħinu biex jippromwovu l-kura reattiva u l-iżvilupp tat-tfal, irawmu relazzjonijiet pożittivi ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, u jappoġġjaw is-saħħa mentali tal-ġenituri u dawk li jieħdu ħsiebhom, li kollha huma determinanti għal saħħa mentali pożittiva tul il-ħajja;

109. Jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jinvestu f'intervent bikri għat-tfal, l-adolexxenti, il-ġenituri u l-familji, speċjalment fil-kuntest tas-servizzi tas-saħħa mentali materna, inklużi l-programmi ta' prevenzjoni, skrinjar u appoġġ;

Approċċ li jiffoka fuq il-persuna

110. Jirrikonoxxi li l-persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u b'diżabilitajiet psikosoċjali għandhom id-dritt li jgħixu ħajja sħiħa u sinifikanti u li jgħixu fi stat ta' benessri li fih jirrealizzaw il-kapaċitajiet tagħhom stess, ikunu jistgħu jlaħħqu mal-istress normali tal-ħajja, ikunu jistgħu jaħdmu b'mod produttiv u sodisfaċenti, u jkunu kapaċi jagħtu kontribut lill-komunità tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-emanċipazzjoni u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u b'diżabilità;

111. Iqis li huwa meħtieġ li l-politiki li jħallu impatt, jinvolvu jew rigward

is-saħħa mentali jkunu multidimensjonali, iċċentrati fuq il-persuna u konformi mad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversità, is-sensittività kulturali u l-ħtiġijiet intersezzjonali multipli;

112. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta' forza tax-xogħol tas-saħħa multidixxiplinarja u l-benefiċċji kliniċi, finanzjarji u organizzattivi tal-kura tas-saħħa bbażata fil-komunità u jirrikonoxxi l-importanza li jiġu żgurati standards xierqa ta' taħriġ u regolamentazzjoni għall-fornituri tal-kura tas-saħħa mentali;

L-esperjenza miksuba

113. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti nies li għexu esperjenza ta' kundizzjonijiet ta' saħħa mentali fl-iżvilupp ta' servizzi integrati; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jiżguraw kooperazzjoni aktar sinifikanti mas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet li jirrappreżentaw, l-esperti u partikolarment il-persuni b'esperjenza u l-persuni li jieħdu ħsiebhom; jissuġġerixxi li nies b'esperjenza jiġu inklużi u integrati fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika li jaħdmu flimkien ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-partijiet interessati ewlenin b'mod mhux simboliku;

Istituzzjonalizzazzjoni

114. Jinnota li xi istituzzjonijiet psikjatriċi moderni f'xi Stati Membri għad għandhom approċċ għat-trattament li jista' jwassal għal ċaħda ta' aġenzija, aggravament tal-istigma fost tħassib ieħor dwar id-drittijiet tal-bniedem[1], u jista' jikkawża riżultati ta' saħħa mentali agħar; jistieden lill-Istati Membri biex iħaddnu l-bidla lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni ta' persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, filwaqt li jiżguraw li jiġu żviluppati alternattivi għal istituzzjonijiet psikjatriċi tradizzjonali u li l-pazjenti jirċievu trattament modern u avvanzat; iwissi kontra l-fenomenu tat-transistituzzjonalizzazzjoni, u jemmen li huma meħtieġa strateġiji effettivi u kura tas-saħħa bbażata fil-komunità biex jiġu evitati okkorrenzi bħal dawn;

115. Jappoġġja d-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabilità u jirrikonoxxi l-importanza tal-appoġġ psikoloġiku għall-persuni b'diżabilità biex jintegraw aħjar fis-soċjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaħsbu mill-ġdid l-organizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa nazzjonali u jadattaw l-approċċ dwar is-saħħa mentali f'konformità mal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità;

116. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu riabilitazzjoni ta' persuni b'diżabilità u individwi b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, jippromwovu xogħol u attivitajiet oħra, u jiżguraw li kull persuna

---

1 Il-Kunsill tal-Ewopra:Reform of mental health services: an urgent need and a human rights imperative(Riforma tas-servizzi tas-saħħa mentali: ħtieġa urġenti u dritt imperattiv tal-bniedem).

tibbenefika minn appoġġ residenzjali skont il-ħtiġijiet u l-grad partikolari ta' indipendenza tagħhom;

Appoġġ u trattament tas-saħħa mentali

117. Jisħaq li l-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u b'diżabilitajiet psikosoċjali għandhom id-dritt li jirċievu trattament ibbażat fuq l-evidenza u appoġġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet tagħhom;

118. Jirrikonoxxi li t-trattament u l-appoġġ tas-saħħa mentali jikkonsistu f'aktar minn tnaqqis tas-sintomi u huwa vjaġġ personali lejn ħajja sinifikanti b'valuri, għanijiet u relazzjonijiet, minkejja l-isfidi maħluqa minn kundizzjoni tas-saħħa mentali u m'għandhomx jitnaqqsu biss għal kura u kura riabilitattiva iżda għandha ttejjeb ukoll il-benessri mentali permezz ta' kura promottiva u preventiva; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lit-trattament tal-kura tas-saħħa mentali effikaċi, ibbażat fuq l-evidenza, iċċentrat fuq il-persuna u appoġġ għall-benessri ġenerali; barra minn hekk, jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ttrattata t-tixrid ta' informazzjoni ħażina u diżinformazzjoni fost "l-industrija tal-benessri" li qed tiffjorixxi li tista' tirriskja li tagħmel ħsara lis-saħħa mentali, tittardja jew tipprevjeni t-trattament, u tinkoraġġixxi t-tixrid ta' informazzjoni ħażina u diżinformazzjoni;

119. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqies il-ġeneru fit-trattament tas-saħħa mentali peress li l-ġeneri differenti għandhom ħtiġijiet differenti f'termini ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali;

120. Jinkoraġġixxi l-integrazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ għall-familja u dawk li jieħdu ħsiebhom f'mudelli ta' twassil ta' servizzi tas-saħħa mentali; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' appoġġ għas-saħħa mentali mfassla speċifikament għal dawk li jieħdu ħsiebhom u l-familji tal-pazjenti tas-saħħa mentali, inklużi konsulenza, kura ta' solliev, u appoġġ bejn il-pari kif ukoll intervent fil-każ ta' kriżi;

121. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-kura, it-trattament u l-appoġġ għall-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet kroniċi assoċjati billi jimplimentaw u jsaħħu l-kura olistika, integrata u multidixxiplinarja, peress li meta l-kundizzjonijiet jiġu ttrattati b'mod iżolat ir-riżultat ikun inqas ta' suċċess; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jqisu l-fatturi soċjali, psikoloġiċi u bijoloġiċi kif ukoll il-fokus tal-pazjent u l-għażla tal-pazjent fid-deċiżjonijiet dwar it-trattament; jenfasizza l-importanza ta' aċċess ikkontrollat għall-mediċini filwaqt li jiġi evitat l-abbuż tagħhom fil-forma ta' medikazzjoni żejda perikoluża, awtomedikazzjoni jew li jiġu ddevjati għal skopijiet mhux mediċi;

Kura għall-istudenti

122. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għall-appoġġ tas-saħħa mentali bħal pariri psikosoċjali u terapija mingħajr piżijiet amministrattivi; jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li l-

istudenti jkollhom aċċess dirett għall-għajnuna psikoloġika meta jfittxuha; jirrikonoxxi l-isfidi addizzjonali potenzjali tas-saħħa mentali li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-istudenti waqt li jieħdu sehem fi programmi ta' skambju u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ adegwat, inkluż fil-Programm Erasmus+;

Ġestjoni tal-mard kroniku

123. Jenfasizza li s-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet kroniċi assoċjati jkunu kunċettwalizzati bl-aħjar mod bħala esperjenzi bijopsikosoċjali u għalhekk trattament effettiv jitlob servizzi ta' kura olistiċi, multidixxiplinarji u integrati fl-inizjattivi ta' ġestjoni tal-mard kroniku; jenfasizza li tali appoġġ għas-saħħa mentali, inklużi pariri psikoloġiċi u gruppi ta' appoġġ, isaħħaħ l-aderenza tat-trattament u l-benessri ġenerali għal nies li jittrattaw kundizzjonijiet kroniċi u l-membri tal-familja tagħhom; jirrikonoxxi li l-awtoġestjoni tal-mard kroniku, kif ukoll l-edukazzjoni tal-individwi dwar il-ġestjoni b'saħħitha tal-istress, il-ġlieda kontra l-ansjetà, u l-prevenzjoni tad-dipressjoni jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali biex jieħdu ħsieb u jlaħħqu ma' kundizzjonijiet ta' saħħa mentali fit-tul u jtaffu l-imġiba distruttiva;

124. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki dwar prattiki bbażati fuq l-evidenza ta' kollaborazzjoni sinifikanti bejn is-servizzi tas-saħħa mentali u s-servizzi tas-settur soċjali fl-Istati Membri, f'konformità ma' approċċ ta' MHIAP u ta' preskrizzjoni soċjali, b'kont meħud tal-kuntest speċifiku ta' kull Stat Membru;

Kura tas-saħħa mentali fil-Komunità (CMHC)

125. Jirrikonoxxi li s-CMHC huwa network aċċessibbli, ibbażat fuq l-evidenza u orjentat lejn l-irkupru ta' servizzi ta' appoġġ u riżorsi b'kapaċità adegwata għal komunità lokali u li jipprovdi l-appoġġ, l-interventi terapewtiċi u t-trattament bżonnjuż meħtieġ għal din il-popolazzjoni fil-mira b'mod adegwat u f'waqtu[1]; jinnota l-benefiċċji tas-CMHC fil-kontribut għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, b'mod partikolari meta jkunu marbuta ma' servizzi ta' kura tas-saħħa primarja għall-pazjenti fl-isptarijiet, outpatients u pubbliċi; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jimplimentaw prattiki tajba fis-CMHC[2] u jżidu l-investiment fis-servizzi ta' appoġġ eżistenti tas-CMHC fil-qafas tal-infrastruttura

---

1 Thornicroft, G., et al.,*Community mental health care worldwide: current status and further developments*(Kura tas-saħħa mentali tal-komunità madwar id-dinja: l-istatus attwali u l-iżviluppi ulterjuri), 2016.

2 WHO, *Guidance on community mental health services: promoting person-centred and rights-based approaches*(Gwida dwar is-servizzi tas-saħħa mentali fil-komunità: il-promozzjoni ta' approċċi ffukati fuq il-persuna u bbażati fuq id-drittijiet), 2021.

eżistenti tal-kura tas-saħħa u jiffaċilitaw l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha (jiġifieri professjonisti tas-saħħa mentali, pazjenti, familji, tuturi u dawk li jfasslu l-politika); jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-paradigma tal-kura tas-saħħa mentali fil-komunità;

Nondiskriminazzjoni u integrazzjoni

Integrazzjoni u aċċettazzjoni

126. Ifakkar li l-biċċa l-kbira tan-nies li jgħixu b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali qed jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, minkejja li dan il-grupp ta' popolazzjoni juri impjegabbiltà ġenerali ħafna aktar baxxa, u filwaqt li persuni b'diżabilità jew nies li jgħixu b'mard kroniku huma aktar probabbli li jippreżentaw kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u jesperjenzaw rati ogħla ta' esklużjoni fuq il-post tax-xogħol;

127. Jinsisti li l-Istati Membri jimplimentaw politiki strutturali li jappoġġjaw lill-persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, speċjalment il-ħaddiema, it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-anzjani;

128. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li n-nies fuq liv tal-mard minħabba kundizzjonijiet tas-saħħa mentali ma jiltaqgħux ma' diskriminazzjoni fis-settur tal-impjiegi; iħeġġeġ lill-Istati Membri, sabiex inaqqsu l-inugwaljanzi u jindirizzaw id-determinanti soċjali, jimplimentaw pjanijiet nazzjonali b'approċċ MHIAP għal persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u kundizzjonijiet kroniċi assoċjati, fost oħrajn, li:

(a) jippromwovu l-adattament, l-integrazzjoni u r-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

(b) jiżguraw aġġustamenti raġonevoli u flessibbli fuq ix-xogħol, filwaqt li titqies il-kapaċità tagħhom biex jaħdmu;

(c) jipprovdu assistenza u informazzjoni lill-ħaddiema meta jkunu jeħtieġu liv għal kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u jinkludu mekkaniżmi għal appoġġ finanzjarju u ta' riabilitazzjoni;

(d) iżidu l-isforzi fuq l-appoġġ tar-reklutaġġ tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li tali miżuri ma jżidux piżijiet amministrattivi mhux ġustifikati għal dawn il-kumpaniji, partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

Riċerka u innovazzjoni

129. Jenfasizza r-rwol ċentrali li l-UE jista' jkollha fl-inċentivar tar-riċerka dwar is-saħħa mentali, kemm f'termini ta' finanzjament kif ukoll bħala attur politiku globali; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu f'aktar riċerka u implimentazzjoni tar-

riżultati tar-riċerka dwar is-saħħa mentali, il-promozzjoni attiva tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, kif ukoll il-promozzjoni tas-saħħa tal-moħħ u inklużi s-setturi li mhemmx biżżejjed riċerka fuqhom filwaqt li jikkonsultaw mal-partijiet interessati rilevanti; dwar oqsma prijoritarji;

130. Ifakkar li l-investimenti pubbliċi għandhom ikunu trasparenti u jġibu qligħ pubbliku f'termini ta' affordabbiltà, disponibbiltà u aċċessibbiltà tal-prodotti finali;

Oqsma speċifiċi ta' riċerka

131. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal aktar riċerka u għarfien xjentifiku dwar kif il-kookkorrenza bejn is-saħħa mentali u s-saħħa fiżika ħażina tista' tiġi evitata u jappella għal riċerka dwar il-fatturi li jwasslu għal kundizzjonijiet severi ta' saħħa mentali kif ukoll fatturi li joffru reżiljenza għal dawn il-kundizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għar-riċerka dwar ir-relazzjoni bejn is-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet kroniċi assoċjati;

132. Jenfasizza l-ħtieġa għal studji multidixxiplinarji li jnaqqsu d-distakk bejn is-saħħa, l-għarfien soċjali u ekonomiku u dwar ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet ta' intervent fis-setturi rilevanti kollha u s-saħħa mentali;

133. Jilqa' l-appoġġ u l-istimulazzjoni tal-implimentazzjoni u t-tkabbir ta' programmi ta' innovazzjoni soċjali u intraprenditorija li jindirizzaw is-saħħa mentali fil-popolazzjoni usa';

134. Jistieden lill-Kummissjoni tinċentiva l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' interventi teknoloġiċi, farmaċewtiċi u ta' mġiba; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu f'aktar riċerka dwar it-teknoloġiji diġitali u s-saħħa mentali u biex jaqsmu l-aħjar prattiki użati fis-saħħa mentali diġitali;

135. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja r-riċerka dwar l-interazzjonijiet bejn l-alkoħol, il-mediċini għall-uġigħ u l-varjanti tal-kannabis għall-użu tad-droga b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' tetraidrokannabinol (THC) u l-modi differenti ta' konsum tagħhom u biex tinkiseb data dwar l-interazzjonijiet tagħhom;

Preskrizzjoni soċjali[1]

136. Jirrikonoxxi li l-preskrizzjoni soċjali hija approċċ utli, prattiku, olistiku u effettiv li jista' jiġi integrat fl-ambjent tal-kura primarja fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali, kif indikat mid-WHO fis-sett ta' għodod tagħha dwar kif tiġi implimentata l-preskrizzjoni soċjali; jisħaq fuq is-sinifikat tal-preskrizzjoni soċjali li tinvolvi attivitajiet fiżiċi, kultura, arti u miżuri oħra u jinnota li għandhom jiġu kkunsidrati strateġiji

---

1 WHO, *A toolkit on how to implement social prescribing*(Sett ta' għodod dwar kif tiġi implimentata l-preskrizzjoni soċjali), 2022.

għat-titjib tal-aċċess għal interventi psikoloġiċi u farmakoloġiċi bbażati fuq l-evidenza, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali;

137. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw interventi ta' preskrizzjoni soċjali ġodda, xierqa u adegwati għal persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali jew li ser jibbenefikaw minn tali interventi; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar prattiki bbażati fuq l-evidenza fil-preskrizzjoni soċjali u biex taqsam l-aħjar prattiki;

Is-saħħa mentali globali

138. Jilqa' l-inklużjoni tas-saħħa mentali fl-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali bħala sfida li qed tiżdied li teħtieġ li tingħata prijorità, b'enfasi fuq it-tisħiħ tad-disponibbiltà tas-servizzi tas-saħħa mentali fil-kura tas-saħħa primarja;

139. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jisfruttaw ir-rwol tal-UE fil-kuntest globali li hi minn ta' quddiem fil-prevenzjoni tas-saħħa mentali, il-bini tar-reżiljenza u l-kura u biex jissaħħu s-sħubijiet u n-networks transnazzjonali tal-organizzazzjonijiet u l-individwi, għall-kondiviżjoni aħjar ta' esperjenzi, servizzi u prattiki fil-qasam tas-saħħa mentali, u li jikkunsidraw is-saħħa mentali f'azzjonijiet ta' politika barranija;

140. Jenfasizza li forza tax-xogħol tas-saħħa mentali hija essenzjali daqs ir-riżorsi tal-għajnuna l-oħra kollha f'diżastri naturali, klimatiċi, umanitarji, ġeopolitiċi u relatati mal-kunflitti; jemmen li l-forza tax-xogħol tas-saħħa mentali għandha għalhekk tkun parti integrali minn dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej; jirrakkomanda li t-taħriġ tal-ewwel għajnuna psikoloġika jiġi inkluż fil-korsijiet tal-ewwel għajnuna għall-persunal u l-voluntiera li jaħdmu f'dawn l-operazzjonijiet;

141. Jitlob li s-setturi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri jiżviluppaw b'mod urġenti strutturi ta' appoġġ psikosoċjali għas-saħħa mentali, immirati speċifikament lejn il-vittmi ta' diżastri naturali, klimatiċi, umanitarji, ġeopolitiċi u relatati mal-kunflitti, dawk li jfittxu ażil u migranti minn kull sfond; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti dwar il-klima sabiex itaffu l-ispejjeż diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima fis-saħħa, partikolarment fuq is-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-istrutturi tas-saħħa mentali u ta' appoġġ psikosoċjali fi programmi ta' ppjanar ta' emerġenza fl-istadji kollha (preparazzjoni, rispons u rkupru) u pjanijiet ta' tħejjija għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol biex jippreparaw b'mod effettiv għal kriżijiet futuri tas-saħħa u theddid ieħor fl-UE u f'kuntest globali;

Is-saħħa mentali fl-UE

Legat

142. Ifakkar fl-importanza tad-determinanti bijoloġiċi u l-impatt tal-fatturi soċjali u ambjentali fuq is-saħħa mentali u jinkoraġġixxi li jiġi kkunsidrat il-mudell bijopsikosoċjali meta ssir referenza għall-kura tas-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis dan il-mudell fl-azzjonijiet u l-inizjattivi rilevanti kollha tal-UE sabiex tiżgura approċċ ibbilanċjat;

143. Jilqa' l-approċċ komprensiv għas-saħħa mentali mħabbar mill-Kummissjoni bħala pass inizjali biex jiġu ttrattati u evitati l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fil-livell Ewropew; jinnota wkoll li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tenfasizza diversi inizjattivi ewlenin li indirettament jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa mentali; jisħaq li l-UE tista' u għandha tistinka biex tikseb rwol ta' tmexxija globali fit-tiswir tat-titjib tal-promozzjoni, il-prevenzjoni, il-kura u l-appoġġ tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali; jemmen li l-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi tmexxija u governanza effikaċi li jmorru lil hinn mill-approċċ tas-soltu "tal-kondiviżjoni" tal-aħjar prattiki;

144. Jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq il-komunikazzjoni tagħha dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali u, flimkien mal-Istati Membri, tfassal Strateġija Ewropea għas-Saħħa Mentali fit-tul, komprensiva u integrata li tiffoka partikolarment fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà; jemmen li din l-istrateġija għandha tistabbilixxi inizjattivi fil-fond b'objettivi ċari u kwantifikabbli, indikaturi li jistgħu jitkejlu, u li għandha tistabbilixxi miri li jistgħu jintlaħqu għall-promozzjoni tas-saħħa mentali, il-prevenzjoni u t-trattament, b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha wara approċċ minn isfel għal fuq; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri joħolqu skeda ta' żmien konkreta għall-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi, b'monitoraġġ u rappurtar tal-progress regolari u jistieden lill-Kummissjoni talloka finanzjament dirett u riżorsi f'dan ir-rigward;

145. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tfassal l-Istrateġija Ewropea tas-Saħħa Mentali, biex tiffoka fuq ħafna oqsma li fihom is-saħħa mentali taż-żgħażagħ tista' tittejjeb b'koordinazzjoni maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; jenfasizza li din l-enfasi speċifika għandha tinkludi l-bullying u l-bullying ċibernetiku fl-iskejjel, inizjattivi ta' litteriżmu diġitali, strateġiji ta' prevenzjoni tas-suwiċidju u programmi u miżuri ta' prevenzjoni tas-suwiċidju bbażati fl-iskejjel biex itejbu l-ġbir tad-data;

146. Jappoġġja l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija li taġixxi bħala sistema ta' appoġġ għall-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali korrispondenti kollha bi skeda ta' żmien ċara, baġit adegwat, miri konkreti, objettivi, kif ukoll indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress;

Is-Sena Ewropea għas-Saħħa Mentali

147. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-

Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u tiddeżinja s-sena d-dieħla bħala s-Sena Ewropea tas-Saħħa Mentali, sabiex tqajjem kuxjenza, tinforma, u teduka liċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika dwar is-suġġett tas-saħħa mentali u tikkontribwixxi għal ġlieda kontra l-istigma u d-diskriminazzjoni, filwaqt li sservi wkoll bħala tarġa li twassal għall-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa Mentali;

148. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati professjonali biex iqajmu kuxjenza dwar l-importanza ta' saħħa mentali tajba b'mod koordinat u f'waqtha, billi jintegraw l-MHiaP u jiżguraw li l-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa mentali jkunu mibnija fit-tfassil, l-implimentazzjoni , il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika, il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' nfiq rilevanti; jitlob ukoll l-iżvilupp ta' politiki u programmi li jsaħħu l-benessri tal-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsieb persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali;

149. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi atturi subnazzjonali u tas-soċjetà ċivili fis-sottogrupp tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika dwar is-Saħħa Mentali; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi valutazzjoni tal-impatt fuq is-saħħa mentali biex tevalwa l-effett ta' miżuri, politiki u programmi ta' finanzjament differenti tal-UE fuq is-saħħa mentali;

Is-saħħa mentali fi programmi nazzjonali

150. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp, l-aġġornament, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi nazzjonali rispettivi tagħhom dwar is-saħħa mentali, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu mfassla biex ikunu fit-tul, bi skeda ta' żmien ċara, baġit adegwat, miri, indikaturi u objettivi konkreti u konformi mad-drittijiet tal-bniedem, li għandhom jiġu vvalutati u adattati jekk meħtieġ; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinkludu s-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali fil-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa u fil-politiki rilevanti kollha; jirrakkomanda aktar integrazzjoni tat-tħassib dwar is-saħħa mentali fi programmi oħra rakkomandati min-NU bħall-HIV, il-mard mhux komunikabbli u d-dimenzja, fost oħrajn;

Il-ħidma tal-UE

151. Jilqa' l-istrateġija Ewropea dwar il-kura proposta mill-Kummissjoni, li, fost affarijiet oħra, għandha l-għan li tindirizza l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-effetti tat-telexogħol u t-telecommuting fuq is-saħħa mentali b'mod komprensiv;

152. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva Qafas Ewropea dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol sabiex ittejjeb l-effettività tagħha fil-promozzjoni tas-saħħa mentali tajba u r-reżiljenza tas-saħħa mentali u tindirizza l-isfidi tas-saħħa mentali fuq il-post tax-

xogħol;

153. Jinnota bi tħassib li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mill-2022 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali ma tinkludix kundizzjonijiet tas-saħħa mentali relatati max-xogħol, b'mod partikolari d-dipressjoni, il-burnout, l-ansjetà u l-istress; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, tirrevedi aktar ir-rakkomandazzjoni biex tiżgura l-inklużjoni xierqa tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali;

Appoġġ finanzjarju

154. Jilqa' l-finanzjament ta' EUR 765 miljun li sar disponibbli permezz tal-programmi Orizzont 2020 u l-Orizzont Ewropa[1] biex jiġu appoġġjati proġetti ta' riċerka u innovazzjoni dwar is-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-infiq u tevalwa l-impatt u l-eżitu tal-finanzjament tal-UE li jikkontribwixxi direttament jew indirettament għat-titjib tas-saħħa mentali fl-UE;

155. Iqis li għandu jiġi allokat finanzjament suffiċjenti biex jiġi f'parità mal-iskala tal-isfida u li s-saħħa mentali għandha tiġi indirizzata aktar fi programmi finanzjarji futuri bħall-programm EU4Health 2028-2034 u l-Orizzont Ewropa;

156. Iqis li l-UE m'għandhiex fond dirett għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni tikkonverti l-inizjattivi ewlenin, introdotti fl-approċċ komprensiv, f'azzjonijiet konkreti b'appoġġ finanzjarju adegwat għal gruppi vulnerabbli u biex toħloq missjoni dwar is-Saħħa Mentali mill-programm Orizzont Ewropa u l-programm futur fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2035;

°

° °

157. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] Skont l-Orizzont Ewropa il-programm ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni.